# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 16 ta' Lulju, 2024.**

**Numru 5**

**Rikors numru 743/2004/2 JVC**

**Saviour James Vella**

**v.**

**Antoinette Carmen Barbara**

**PRELIMINARI:**

1. Il-kontendenti huma aħwa, ulied il-konjuġi Salvatore u Barbara Vella. Permezz ta' din il-kawża li l-attur intavola fil-5 ta' Ottubru 2004, huwa talab li tiġi likwidata l-leġittima dovuta lilu mill-assi tal-ġenituri tiegħu (li skont hu għandu jeħodha oltre l-legati mħollija lilu). Talab li jiġu

assenjati lilu s-somma u l-beni li jkunu suffiċjenti sabiex jissodisfaw il-leġittima dovuta lilu, u li l-konvenuta oħtu tiġi kkundannata tħallsu tali somma u tagħtih tali kwota ta' immobbli stabbilita mill-Qorti.

2. Permezz ta' sentenza mogħtija fl-4 ta' Ottubru 2022 il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili llikwidat il-leġittima dovuta lilu fl-ammont ta' €74,468.23. Hija ma qablitx li l-legati għandhom jitqiesu bħala separatament mill-leġittima, u peress li sabet li l-valur tal-legati fil-fatt jeċċedi l-valur tal-leġittima, ċaħdet it-talba tal-attur biex jiġi assenjat is-somom u beni kemm ikunu suffiċjenti sabiex jissodisfaw il-leġittima, salv għall-jedd tiegħu li jiġi mmess fil-pussess tal-legati mħollija lilu.

3. L-attur ħassu aggravat b'tali deċiżjoni u għalhekk fit-2 ta' Novembru 2022 huwa interpona appell quddiem din il-Qorti fejn talabha:

> *"i) tikkonferma l-ewwel kap tas-sentenza appellata;*
>
> *ii) tikkonferma in parte t-tieni kap tas-sentenza appellata billi ikkonferma fejn laqgħet mill-ewwel talba sar-raba' talba tal-attur appellant, u tvarjaha għal dak li għandu x' jaqsam kif ġew kalkolati, valutati u konklużi l-assi tad-deċuji;*
>
> *iii) tikkonferma in parte it-tielet kap tas-sentenza appellata billi tikkonferma fejn laqgħet il-ħames talba tal-attur appellant u ddikjarat li l-attur għandu jedd għal-leġittima fuq l-ereditajiet tal-ġenituri tiegħu, tikkonferma fejn laqgħet in parte s-seba' talba tal-attur, u tvarjaha in kwantu l-ammont tal-likwidazzjoni tal-leġittima li għandu jkun ikkalkolat fuq il-valuri tas-snin 2014 jew valuri oħra stabbiliti minn din l-Onorabbli Qorti purche ikunu viċini għad-data tal-likwidazzjoni;*
>
> *iv) tvarja r-raba' kap billi tiċħad it-tielet eċċezzjoni tal-konvenuta u tilqa' s-sitt talba tal-attur appellant;*
>
> *v) tikkonferma in parte il-ħames kap tas-sentenza billi tikkonferma l-jedd tal-attur li jiġi immess fil-pussess tal-legati mħollija lilu, u*

*tvarjaha billi tilqa' s-seba' u t-tmien talba tal-attur in toto u tordna lill-attur appellant jingħata beni jew sehemijiet minn beni in natura u somom li jirrappreżentaw il-leġittima dovuta lill-attur appellant;*

*vi) tikkonferma in parte s-sitt kap billi tikkonferma n-nomina tan-nutar u tal-kuratur deputat u l-ordni li jiġi riċevut u ppubblikat l-att ta' immissjoni fil-pussess tal-legati dovuti lill-attur appellant, u tvarjaha billi tilqa' in toto d-disa' talba tal-attur appellant u tordna ukoll li l-istess Nutar u kuratur sabiex jidhru u jirċievu u jippubblikaw kwalunkwe att ieħor li permezz tiegħu jiġu assenjati beni jew sehmijiet mill-istess beni in sodisfazzjoni tal-leġittima dovuta kif stabbili minn din l-Onorabbli Qorti;*

*vii) tiċħad ir-raba' eċċezzjoni tal-konvenuta;*

*viii) tvarja l-kap tal-ispejjeż billi l-ispejjeż kollha jiġu akkollati lill-konvenuta appellata.*

4. Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell din il-Qorti qiegħda tirriproduċi s-sentenza appellata:

"Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur Saviour James Vella kkonferma bil gurament u talab kif isegwi:

"Premess illi l-kontendenti huma, wlied Salvatore u Barbara konjugi Vella kif jidher mic-certifikati annessi u mmarkati bhala Dok 'A' u Dok 'B'.

Premess illi Salvatore u Barbara konjugi Vella izzewgu fil-1950.

Premess illi Salvatore Vella miet fit-tmienja ta Frar tas-sena elfejn (08/02/2000) kien jidher mic-certifikat tal-mewt anness u mmarkat bhala Dok. 'D'.

Premess illi Barbara Vella mietet fit-3 ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlieta (03/10/2003) kif jidher mic-certifikat tal-mewt anness u mmarkat bhala Dok. 'E'.

Premess illi Salvatore Vella kellu diversi assi parafernali u krediti fil-komunjoni tal-akkwisti kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Premess illi Salvatore u Barbara konjugi Vella rregolaw u ddisponew mill-gid taghhom kollu ghal wara mewthom permezz ta' zewg testmenti unica charta fl-atti tan-Nutar Dottor Mario Bugeja datati tlettax ta' Ottubru tas-sena elf disa mija u tmienja u tmenin (13/10/1988) anness u mmarkat bhala Dok. 'F' u iehor datat hdax ta' Mejju tas-sena elf disa' mija u disgha u disghin (11/05/1999) anness u mmarkat bhala Dok. ' G';

Premess illi Salvatore u Barbara konjugi Vella fit-testment unica charta datat tlettax ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija u tmienja u tmenin (13/10/1988) permezz tat-tielet artikolu nnominaw lill kontendenti bhala eredi universali u padruni ta' gidhom ghal wara mewthom.

Premess illi fit-testment unica charta datat tlettax ta' Ottubru tas sena elf disa mija u tmienja u tmenin (13/10/1988) fl-atti tan Nutar Dottor Mario Bugeja it-testaturi permezz tar-raba' artikolu ezentaw espressament lill-kontendenti uliedhom mill-obbligu tal imputazzjoni ghal sehemhom u mill-konferiment fil-massa ereditarja ta' dak kollu li rcevew jew ghad jistghu jircievu minghand it-testaturi ghal kull raguni u taht kull titolu.

Premess illi fit-testment unica charta datat hdax ta' Mejju tas-sena elf disa' mija u disgha u disghin (11/05/1999) fl-atti tan-Nutar Dottor Mario Bugeja t-testaturi Salvatore u Barbara konjugi Vella permezz tat-tieni artikolu hassru t-tielet artikolu tat-testment precedenti u nnominaw lill-konvenuta bhala unika eredi universali u padruna ta' gidhom ghal wara mewthom u permezz tal-ewwel artikolu hallew lill-attur legati formanti parti principalment mill-assi parafernali ta' Salvatore Vella u liema legati ma thallewx in sodisfazzjon tal-legittima' spettanti lill-attur.

Premess illi l-konvenuta accettat l-eredita' tat-testaturi Salvatore u Barbara konjugi Vella permezz tad-dikjarazzjoni ta' trasferiment causa mortis relattivi.

Premess illi l-attur ghandu dritt li jinghata l-legittima spettanti lilu mill-patrimonju tal-genituri tieghu ai termini tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Premess illi l-konvenuta fil-kwalita' taghha ta' eredi tat-testaturi Salvatore u Barbara konjugi Vella debitament interpellata mill attur permezz ta' ittra ufficjali datata 18 ta' Mejju 2004 (Dok. H) sabiex tigi assenjata lilu l-legittima baqghet inadempjenti u wriet l intenzjoni li ma kienetx disposta li taghmel dak rikjest kif jidher minn ittra legali datata 24 ta' Mejju 2004 (Dok. I).

Ghaldaqstant l-attur jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tillikwida okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi l-komunjoni tal-akkwisti gja ezistenti bejn Salvatore u Barbara konjugi Vella u dan mid-data taz-zwieg taghhom li sehh fl-1950, billi jigi ddikjarat li tikkonsisti fis-sustanzi u assi ppruvati waqt il kawza.

2. Tiddividi f'zewg porzjonijiet ugwali l-komunjoni tal-akkwisti kif likwidata.

3. Tillikwida u tistabbilixxi okkorrendo bl-opra ta periti nominandi l-beni parafernali u l-krediti fuq il-komunjoni ta' Salvatore u Barbara konjugi Vella billi jigi ddikjarat li jikkonsistu fis-sustanzi u assi ppruvati waqt il-kawza.

4. Tassenja l-beni hekk stabbiliti u llikwidati lill-assi partikolari ta' Salvatore Vella u lill-assi partikolari ta' Barbara Vella rispettivament u jigi ddikjarat li l-assi partikulari ta' Salvatore u

Barbara konjugi Vella jikkonsistu fil-beni hekk assenjati.

5. Tiddikjara d-dritt tal-attur ghall-legittima spettanti lilu mill-assi tal-genituri tieghu Salvatore Vella u Barbara Vella rispettivament.

6. Tiddikjara li l-attur huwa ezenti milli jnaqqas il-valur ossia jimputa l-valur tal-legati mhollija lilu permezz tat-testment unica charta datat hdax ta Mejju tas-sena elf disa' mija u disgha u disghin (11/05/1999), mill-legittima dovuta lilu.

7. Tistabbilixxi u tillikwida okkorrendo bl-opra ta periti nominandi l-legittima dovuta lill-attur kemm mill-assi ta' Salvatore Vella u kif ukoll mill-assi ta' Barbara Vella u tassenja tant somom u beni kemm ikunu sufficjenti biex jissodisfaw il legittima dovuta lill-attur.

8. Tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur dik is-somma u taghti lill-attur dik il-kwota ta' immobbli stabbilita' minn dina l l-Onorabbli Qorti.

9. Tinnomina Nutar sabiex jircievi u jippublika l-kuntratt relattiv, tinnomina kuraturi deputati ghall-eventwali kontumacja tal konvenuta u tinnomina perit sabiex jipproponi pjan ta' divizjoni.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 18 ta Mejju 2004 u tal-mandat ta' inibizzjoni pprezentat kontestwalment ma dan l-att u bl-imghax legali mid-data ta' dan l-att kontra l-konvenuta li hi minn issa ngunta in subizzjoni."

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Antoinette Carmen Barbara li taqra kif isegwi:

"1. Illi, preliminarjament l-attur ma ghandux interess guridiku illi jintavola l-kawza stante li huwa qua legatarju ghandu unikament d-dritt li jitlob legati imhollija lilu u mhux id divizjoni ta' l-ereditajiet tal-genituri tieghu u/jew il-legittima, u dana meta l-konvenuta diga' accettat talba ta' l istess attur sabiex timmettieh fil-pussess tal-legati.

2. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, t-talbiet attrici huma legalment improponibbli, guridikament infondati, inamissibbli u irriti stante li galadarba l-attur ghazel illi jitlob il-legati skond l-imsemmija testmenti ma jistghax jitlob aktar minn dak imholli lilu fl-imsemmija testmenti.

3. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, it-talba attrici hija legalment irrita u inamissibbli kif ukoll guridikament infondata peress illi l-attur qua legatarju huwa tenut illi jimputa dak kollu li ircieva in via tal-legati ghall legittima u l-legati mhollija lilu jissuperaw fil-valur l-istess legittima.

4. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, il konvenuta hija eredi universali skond l-eredita' testamentarja li accetta l-istess attur meta talab il-legati u ghalhekk ma hemm l-ebda lok ta'

likwidazzjoni u divizjoni kif mitluba.

Dikjarazzjoni tal-konvenuta skond il-Ligi.

Tesponi bir-rispett u bil-gurament taghha Antoinette Carmen Barbara tikkonferma:-

1. Illi, preliminarjament l-attur ma ghandux interess guridiku illi jintavola l-kawza stante li huwa qua legatarju ghandu unikament d-dritt li jitlob legati imhollija lilu u mhux id divizjoni ta' l-ereditajiet tal-genituri tieghu u/jew il legittima, u dana meta l-konvenuta diga' accettat talba ta' l istess attur sabiex timmettieh fil-pussess tal-legati.

2. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, t-talbiet attrici huma legalment improponibbli, guridikament infondati, inamissibbli u irriti stante li galadarba l-attur ghazel illi jitlob il-legati skond l-imsemmija testmenti ma jistghax jitlob aktar minn dak imholli lilu fl-imsemmija testmenti.

3. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, it-talba attrici hija legalment irrita u inamissibbli kif ukoll guridikament infondata peress illi l-attur qua legatarju huwa tenut illi jimputa dak kollu li ircieva in via tal-legati ghall-legittima u l-legati mhollija lilu jissuperaw fil-valur l istess legittima.

4. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, il konvenuta hija eredi universali skond l-eredita' testamentarja li accetta l-istess attur meta talab il-legati u ghalhekk ma hemm l-ebda lok ta' likwidazzjoni u divizjoni kif mitluba."

Rat l-affidavits, xhieda, certifikati ta' twelid u tal-mewt, testmenti, ittra ufficjali u ittra legali, dikjarazzjoni causa mortis, stima peritali ex-parte, rapporti ex-parte, statements, pjanti, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha tar-rikors fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni bin-numru 954/04 fl-ismijiet Saviour James Vella -vs- Antoinette Carmen Barbara li miexi kontestwalment mal-kawza odjerna;

Rat illi fil-verbal tal-1 ta' Frar, 2005 a fol. 67 tal-process il-Qorti tat terminu lill-konvenuta sabiex tipprezenta nota ta' osservazzjonijiet fuq l-ewwel zewg eccezzjonijiet bil-kontroparti jkollha terminu ghan-nota risponsiva;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet fuq l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenuta fl-atti a fol. 70 et seq, rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur a fol. 83 et seq tal-process u n-nota risponsiva tal konvenuta pprezentata wara dik tal-attur a fol. 126 et seq tal process;

Rat li fit-2 ta' Mejju, 2006 inghatat sentenza in parte fuq l-ewwel zewg eccezzjoni fejn gew michuda u rat li sar appell mis-sentenza in parte liema appell gie deciz nhar it-13 ta' April, 2007 fejn il Qorti tal-Appell

kkonfermat is-sentenza appellata pero' fuq ragunijiet diversi minn dawk moghtija mill-ewwel Qorti;

Rat illi fil-verbal tal-1 ta' Frar, 2005 il-Qorti kif diversament preseduta ordnat liz-zewg partijiet sabiex jesebixxu nota li fiha jindikaw il-proprjeta' kollha mhollija b'indikazzjoni tal-valur u rat in-nota tal-konvenuta fejn gew indikati l-proprjetajiet bil-valur taghhom a fol. 78 et seq tal-process u n-nota tal-attur a fol. 117 et seq tal-process;

Rat illi fil-verbal tal-10 ta' Ottubru, 2007 il-Qorti kif diversament preseduta nnominat lill-Perit Godwin P. Abela sabiex jigu stabiliti l-valuri tal-fondi liema rwol kien gie temporanjament revokat biex imbaghad rega' gie konfermat fil-verbal tal-4 ta' Gunju, 2013 fejn il-Perit inghata direzzjoni sabiex jaghti valuri fid-dati tal-mewt tal omm u tal-missier rispettivament;

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku Godwin P. Abela esebit fl-atti a fol. 311 et seq tal-process li gie pprezentat fit-2 ta' April, 2014 u mahluf fit-30 ta' Settembru, 2014;

Rat in-nota tal-attur a fol. 331 tal-process sabiex issir il-hatra ta' periti addizzjonali ai termini tal-Artikoli 674 u 675 tal-Kap. 12 tal Ligijiet ta' Malta;

Rat ir-rikors tal-attur sottomess fl-14 ta' April, 2015 fejn talab fost affarijiet ohrajn li l-kompitu tal-Perit Tekniku Abela jigi estiz sabiex issir pjan ta' divizjoni sabiex sehmu bhala legittima jiehdu f'sehem fi proprjeta' u sabiex jigi rivedut il-valur ta' certu proprjetajiet li kienu suggetti ghall-esproprjazzjoni, rat ir-risposta tal-konvenuta pprezentata fit-22 ta' Mejju, 2015 a fol. 373 et seq u rat id-digriet tal-Qorti tal-25 ta' Gunju, 2015 fejn wara li semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet dwar ir-rikors tal-attur f'dak l-istadju u limitatament ghat-tielet (3) talba ordnat li ssir l eskussjoni quddiema tal-Perit Tekniku fuq ir-rapport tieghu u l Qorti taghti provvediment dwar it-talbiet l-ohra wara d differiment;

Rat illi fil-verbal tal-25 ta' Gunju, 2015 a fol. 376 tal-process id difensuri tal-partijiet qablu li l-ligi applikabbli ghall-kaz odjern hija dik ezistenti qabel l-emendi implimentati bl-Att XVIII tat 2004;

Rat il-verbal tal-4 ta' Frar, 2016 fejn id-difensuri tal-partijiet qablu illi l-Perit Tekniku ghandu jigi awtorizzat sabiex jirredigi rapport addizzjonali fejn ghandu (1) dwar il-fond San Mikiel, numru 1 fi Triq San Gwann, B'Bugia jistabbilixxi jekk il-pjan terran huwiex sottostanti proprjeta' ta' terzi u jekk fl-affermattiv jghid jekk ghandux ivarja fil-valutazzjoni maghmula fl-ewwel relazzjoni u (2) fir-rigward ir-razzett fi Triq Sant'Andrija, Zurrieq ghandu jerga' jaghmel valutazzjoni ta' dik il-parti li mhix suggetta ghall esproprju u rat li l-Qorti fl-istess verbal iddekretat li wara li semghet lil partijiet u lill-Perit Tekniku u in vista tad-digriet moghti rriservat lill-attur biex jirriproduci t-talbiet tieghu

skont ir rikors a fol. 367 tal-process fi stadju ulterjuri;

Rat ir-rapport addizzjonali tal-Perit Tekniku Godwin P. Abela ipprezentat fl-atti fis-7 ta' Frar, 2017 u mahluf fis-6 ta' April, 2017 a fol. 415 et seq tal-process u n-nota agguntiva tal-istess Perit Tekniku pprezentata fl-20 ta' Frar, 2017 a fol. 429 tal-process;

Rat il-mistoqsijiet in eskussjoni tal-attur a fol. 442 et seq tal-process u rat ir-risposti a fol. 447 et seq tal-process u rat ir-risposti ulterjuri ghad-domandi maghmula lilu in eskussjoni mill-attur a fol. 456 tal-process;

Rat ir-rikors tal-attur intavolat nhar il-5 ta' Ottubru, 2021 fejn permezz tieghu talab li l-Qorti joghgobha tghaddi sabiex tiddekreta dwar ir-riserva li kienet ghamlet fis-seduta tal-4 ta' Frar, 2016 u tordna lill-Perit Tekniku sabiex jaghmel pjan ta' qasma/apporzjonament kif mitlub fir-rikors precedenti a fol. 367 tal-process u kif mitlub ukoll ai termini tal-istess rikors, rat ir-risposta tal-intimata ntavolata nhar it-18 ta' Ottubru, 2021 u rat id digriet tal-Qorti tas-16 ta' Novembru, 2021 fejn iddekretat illi stante li fl-ewwel lok ghad irid jigi stabilit minn din il-Qorti id dritt jew le tal-attur ghal-legittima u l-konsistenza tal-istess filwaqt li trid tkun din il-Qorti li tara u tiddeciedi f'kaz li l-ezitu favorevoli jekk hemmx immobbli li minnu tista' jew le tigi sodisfatta tali legittima, f'dan l-istadju tichad it-talba ghall-estensjoni tal inkarigu tal-Perit Tekniku b'dan izda li tirriserva li tordna tali nomina fl-istadju tad-decizjoni jekk tqis li jkun il-kaz;

Rat illi fil-verbal datat 27 ta' Jannar, 2022 il-kawza giet differita ghal-lum ghad-decizjoni bil-fakulta' tal-partijiet li jiprezentaw noti ta' sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**<u>Ikkunsidrat;</u>**

**<u>Kunsiderazzjonijiet fattwali u legali:</u>**

**<u>Is-sitt talba – ghandhomx il-legati jigu nkluzi fil-komputazzjoni tal-legittima jew le:</u>**

Illi l-kawza odjerna prattikament titratta l-likwidazzjoni u l-hlas tal-legittima spettanti lill-attur Saviour James Vella mill-wirt u successjoni tal-genituri tieghu Salvatore u Barbara konjugi Vella. Il-kwistjoni li m'hemmx qbil fuqha huwa jekk l-attur huwiex intitolat li jiehu l-legittima oltre l-legati mhollija lilu permezz tat-testment addizzjonali tal-11 ta' Mejju, 1999 in vista tal-esenzjoni tal-kollazzjoni u imputazzjoni kontenuta fir-Raba' Artikolu tat testment unica charta tat-13 ta' Ottubru, 1988, jew ghandhomx il legati jigu nkluzi fil-komputazzjoni tal-legittima b'tali mod li jekk jigu nkluzi jissoddisfawx jew jissuperawx

is-sehem li l-attur huwa ntitolat ghalih bhala legittima.

Illi Salvatore u Barbara konjugi Vella gew nieqsa fit-8 ta' Frar, 2000 u fit-3 ta' Ottubru, 2003 rispettivament (ara certifikati tal-mewt a fol. 9 u fol. 10 tal-process). Il-konjugi Vella kellhom zewgt ulied:

- l-attur Saviour James Vella, u

- il-konvenuta Antoinette Carmen Barbara.

Il-konjugi Vella rregolaw il-wirt u successjoni taghhom b'zewg testmenti bl-ewwel wiehed ikun dak unica charta tat-13 ta' Ottubru, 1988 fl-atti tan-Nutar Mario Bugeja (ara testment a fol. 11 et seq tal-process). Permezz ta' dan it-testment il-konjugi Vella innominaw u istitwew bhala eredi universali taghhom liz-zewg ulied l-attur Saviour James Vella u l-konvenuta Antoinette Carmen Barbara u lill-istess ezentawhom mill-obbligu tal imputazzjoni ghal sehmhom u mill-konferiment fil-massa ereditarja ta' dak kollu li rcevew jew ghad jistghu jircievu minghandhom.

***…omissis…***

Diversi snin wara Salvatore u Barbara konjugi Vella ghamlu testment addizzjonali datat 11 ta' Mejju, 1999 fl-atti tal-istess Nutar Mario Bugeja fejn ziedu u emendaw partijiet mit-testment precedenti billi lill-attur Saviour James Vella hallewlu b'titolu ta' legat in assoluta proprjeta' tlett (3) proprjetajiet u kwoti minn flus filwaqt li hassru t-Tielet Artikolu fejn bhala werriet universali hallew unikament lill-konvenuta Antoinette Carmen Barbara billi skonthom kienet iddur bihom.

***…omissis…***

Illi l-attur Saviour James Vella jargumenta li huwa ntitolat li jircievi l-legati mhollija fit-testment tal-11 ta' Mejju, 1999 fl-atti tan Nutar Mario Bugeja oltre l-legittima lilu spettanti in vista tal ezenzjoni tal-kollazzjoni u imputazzjoni kontenuta fir-Raba' Artikolu tat-testment *unica charta* tat-13 ta' Ottubru, 1988 ikkwotat aktar il-quddiem. In fatti bhala s-sitt (6) talba jitlob li jigi dikjarat ezenti milli jnaqqas il-valur ossia jimputa l-valur tal-legati mhollija lilu permezz tat-testment datat 11 ta' Mejju, 1999 fl-atti tan-Nutar Mario Bugeja mill-legittima' dovuta lilu.

Illi min-naha tal-konvenuta Antoinette Carmen Barbara laqghet ghal dan billi fit-tielet eccezzjoni eccepiet illi t-talba attrici hija legalment irrita u inammissibli kif ukoll guridikament infondata peress illi l-attur huwa tenut li jimputa dak kollu li rcieva in via tal-legati ghal-legittima u l-legati mhollija lilu jissuperaw fil-valur l-istess legittima. Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha l-konvenuta Barbara sostniet illi l-punt ta' tluq huwa l-interpretazzjoni li ghandha tinghata lit-testmenti unica charta tat-13 ta' Ottubru, 1988 u tal-11 ta' Mejju, 1999 fl-atti tan-Nutar Mario Bugeja. Isostni li l ezercizzju li qieghed jittenta jaghmel l-attur huwa li

jikkonfondi dawn iz-zewg testmenti sabiex jottjeni l-ahjar rizultat ghalih. Il konvenuta tikkwota l-Artikoli 1002 et seq tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jitrattaw l-interpretazzjoni tal-kuntratti.

***…omissis…***

Il-Qorti wara li analizzat iz-zewg testmenti b'mod shih u mhux bicca bicca kif qed jaghmel l-attur tqis li l-attur qed jizbalja meta jestrapola r-Raba' Artikolu tat-testment tat-13 ta' Ottubru, 1988 mill-kuntest u jadattah bil-mod kif jaqbillu hu. Il-Qorti rat li f'dak l-istess testment tat-13 ta' Ottubru, 1988 fl-atti tan-Nutar Mario Bugeja (fol. 11) il-genituri tal-partijiet kienu istitwew fit-Tielet Artikolu lill-unici zewg uliedhom cioe' l-attur Saviour James Vella u l-konvenuta Antoinette Carmen Barbara bhala werrieta universali taghhom. Huwa f'dak il-kuntest tat-tielet artikolu kif ifformulat li t-testaturi fir-Raba' Artikolu ezentaw lil uliedhom mill-obbligu tal-imputazzjoni ghal sehemhom u mill-konferiment fil-massa ereditarja ta' dak kollu li rcevew jew ghad jistghu jircievu minghand it-testaturi ghal kull raguni u taht kull titolu billi entrambi kienu istitwiti bhala werrieta universali. Appuntu r raba' artikolu sar konsegwenza tat-tielet artikolu fejn thallew iz zewg ulied eredi universali.

Il-Qorti rat li konsegwentement, fit-testment sussegwenti li sar cirka hdax (11) il-sena wara fil-11 ta' Mejju, 1999 fl-atti tan-Nutar Mario Bugeja (fol. 14), it-testaturi varjaw it-testment precedenti billi lil binhom l-attur Saviour James Vella nehhewh minn werriet universali izda poggewh fil-posizzjoni ta' legatarju billi fl-Ewwel Artikoli t-testaturi hallewlu kull sehem li kellhom fi tlett (3) proprjetajiet u l-flus kollha li jkollhom fil-bank jew istituzzjoni f'Malta u nofs kull depozitu li jkollhom jew jista' jkollhom barra minn Malta. Wara li ghamlu dan prosegwew sabiex jindikaw bhala werrieta universali unikament din id-darba lil binthom il konvenuta Antoinette Carmen Barbara. Ghalkemm ir-raba' artikolu tal-ewwel testment thalla vigenti dan thalla vigenti b'referenza ghall-werrieta kif emendat it-testment u mhux ukoll ghall-attur li kien tnehha minn werriet. Il-Qorti tqis li din l intenzjoni tat-testaturi tohrog cara mill-assjem tal-provi fl-atti tenut kont ukoll tal-fatt li fit-tieni testment taghhom it-testaturi ndikaw bil-miktub li kienu qed jistitwixxu lil binthom il konvenuta bhala eredi universali unika ghar-raguni li kienet qed tiehu hsiebhom. Minn din id-dikjarazzjoni tohrog cara l-intenzjoni tat-testaturi li lil binthom jew jiffavuruha oltre minn binhom l iehor jew li almenu tkun daqsu, certament ma kienux qed jintendu li binthom eredi li qieghda tghinhom tispicca b'anqas valur tal eredita' minn huha l-attur.

Illi l-Qorti tqis li kuntrarjament ghal dak li qed jittenta jargumenta l-attur il-legati mhollija fl-Ewwel Artikolu tat-testment tal-11 ta' Mejju, 1999 thallew bhala akkont tal-legittima dovuta lill-attur u mhux apparti. Dan johrog ukoll mill-fatt li meta wiehed ihares lejn iz-zewg testmenti fil-kuntest taghhom u lejn id-disposizzjonijiet kollha fl-assjem jirrizulta li t-testaturi konjugi Vella fit-tieni testment taghhom tal-11 ta' Mejju,

1999 ghalkemm nehhew lill attur minn werriet universali xorta ghaddewlu ammont kosiderevoli ta' gid li fil-valur kif analizzat aktar l-isfel f'din id decizjoni jizboq ferm il-legittima dovuta lilu. In fatti jekk tinghata harsa lejn l-assi li kellhom it-testaturi konjugi Vella jirrizulta prattikament li dawn kellhom b'kollox erba' (4) proprjetajiet – tlieta minnhom mhux mizmuma f'sehem shih u flus il-bank u taht xi istituzzjoni. It-testaturi prattikament ghaddew b'titolu ta' legat lill-attur il-maggorparti tal-assi billi ghaddewlu ishma minn tlieta (3) minn erba' proprjetajiet, l-flus kollha mizmuma fil-bank jew istituzzjoni hawn Malta u nofs il-flus mizmuma barra minn Malta.

Il-konvenuta Barbara bhala werrieta universali jirrizulta li jibqala' proprjeta' wahda f'sehem shih, nofs mill-kwota ta' wiehed minn erba' (1/4) tar-razzett u r-raba' anness f'Saint Andrew's Street, Zurrieq u nofs il-flus mizmuma barra minn Malta. Illi jekk effettivament jirrizulta li l-konvenuta tiehu ftit aktar bhala valur dan huwa rizultat tal-intenzjoni cara tat-testaturi kif gia suespost li fit-Tieni Artikolu tat-testment tal-11 ta' Mejju, 1999 li l-konvenuta tigi incentivata aktar mill-attur billi *'… hi ddur bihom u dejjem isibuha meta jigi bzonn.'*. Ghalhekk l-argument tal-attur li ghandu jigi ezentat milli jimputa l-valur tal-legati mill-legittima lilu dovuta tmur kontra l-volontà cara tat-testaturi.

Illi l-Qorti in vista tas-suespost terga' tenfasizza li huwa car li l-ezenzjoni mill-kollazzjoni fir-Raba' Artikolu tat-testment tat-13 ta' Ottubru, 1988 fl-atti tan-Nutar Mario Bugeja saret fil-kuntest ta' dak it-testment fejn entrambi l-attur u l-konvenuta kienu gew istitwiti eredi universali u wkoll fil-kuntest li t-testaturi kienu ben konxji tal-fatt li tul hajjithom huma ghaddew bosta proprjetajiet lil uliedhom li ghalkemm dehru li gew trasferiti bhala bejgh irrizulta mill-atti li effettivament il-genituri ghaddew lura l-flus moghtija lilhom ghall-bejgh lill-wild koncernat. Dan xehditu u kkonfermatu l-konvenuta. Apparti minn hekk anki l-prezzijiet li ghalihom giet trasferita din il-proprjeta' huma minimi hafna li jevidenzjaw ukoll lil din il-Qorti li effettivament il-genituri riedu jagevolaw ferm lil uliedhom. Huwa f'dan il-kuntest ukoll li thalla ir-raba' artikolu tal-ewwel testment vigenti u mhux sabiex l-attur ma jimputax il legati lilu mhollija fil-legittima. Ukoll l-ezistenza tal-artikolu numru 4 ghat-tieni testment hija wkoll gustifikata ghar-raguni li rrizulta mill-atti li l-eredi universali kostitwita cioe' l-konvenuta rceviet proprjeta b'donazzjoni minghand il-genituri taghha tul hajjithom. In vista ta' dan il-Qorti ser tghaddi sabiex f'dan l-istadju tilqa' in parte t-tielet eccezzjoni tal-intimata Antoinette Carmen Barbara billi tiddikjara li l-attur qua legatarju huwa tenut illi jimputa dak kollu li rcieva in via tal-legati ghall-legittima u tghaddi sabiex tichad is-sitt talba tal-attur. Stabbilit dan il-punt il Qorti ser tghaddi sabiex tistabilixxi l-valur tal-legittima dovuta lill attur.

**<u>Ligi applikabbli:</u>**

Illi fis-sena 2004 sar tibdil radikali bl-Att XVIII tal-2004 fir-rigward l-istitut tal-legittima billi bdiet tissejjah porzjoni rizervata, fis-sens li d-

dritt ma baqax sehem mill-beni tal-mejjet pero' sar kreditu tal valur tal-porzjon riservat fil-konfront tal-eredita'. Skont id disposizzjoni transitorja misjuba fl-Att XVIII, dawn l-emendi bdew japplikaw ghal successjonijiet li sehhew wara li l provvedimenti relattivi dahlu fis-sehh cioe' fl-1 ta' Marzu, 2005.

Illi fil-kaz odjern, kif inghad precedentament Salvatore u Barbara konjugi Vella gew nieqsa fit-8 ta' Frar, 2000 u fit-3 ta' Ottubru, 2003 rispettivament. M'hemmx dubju li l-ftuh tal-wirt u successjoni fiz-zewg kazi sar qabel id-dhul fis-sehh tal-emendi. Ghalhekk il-ligi applikabbli fil-kaz odjern hija dik li kienet vigenti qabel l-introduzzjoni tal-Att XVIII tal-2004 fejn il-legittima kienet parti mill-gid tal-mejjet (quota bonorum). Jigi notat li fil-verbal tal 25 ta' Gunju, 2015 a fol. 376 tal-process id-difensuri tal-partijiet qablu wkoll li l-ligi applikabbli ghall-kaz odjern hija dik ezistenti qabel l-emendi ntrodotti bl-Att XVIII tat-2004.

Illi l-artikoli l-aktar ta' rilevanza kif kienu qabel l-emendi bl-Att XVIII tal-2004 huma s-segwenti:

> "615 (1) Il-legittima hija sehem mill-beni tal-mejjet, moghti mil-ligi lid-dixxendenti, u, fin-nuqqas ta' dixxendenti, lill axxendenti tal-mejjet.
>
> 616 (1) Il-legittima ta' tfal legittimi, jew ta' tfal legittimati bi zwieg li jsir wara, jew ta' tfal adottivi, hija t-terz tal-beni tal mejjet, jekk dawk it-tfal ma jkunux izjed minn erbgha, jew in-nofs ta' dawk il-beni jekk ikunu hamsa jew izjed.
>
> (2) Il-legittima tinqasam f'ishma daqsinsew bejn it-tfal li jmisshom minnha.
>
> (3) Jekk ma jkunx hemm hlief tifel wiehed, dan jiehu wahdu t-terz kollu hawn fuq imsemmi.
>
> 620 (1) Il-legittima ghandha tinghata fi propjeta shiha, u t testatur ma jista' jghabbiha b'ebda piz jew kondizzjoni.
>
> (2) Il-legittima tinqies fuq l-assi kollu, wara li jitnaqqsu d djun ta' l-assi u l-ispejjez tal-funerali.
>
> (3) Fl-assi jidhol dak kollu li minnu t-testatur, b'titolu gratuitu, ukoll f'kontemplazzjoni ta' zwieg, ikun iddispona favur ta' xi hadd, minbarra l-ispejjez ta' l-edukazzjoni tat-tfal jew dixxendenti ohra.
>
> (4) Dak li jmissu l-legittima ghandu jaqta' minnha dak kollu taht id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 913 sad-938."

Illi dwar ir-rijunjoni fittizja tal-assi ereditarji sabiex jigi rikostruwit il-patrimonju kollu tad-decuius il-Qorti taghmel referenza ghad decizjoni fl-ismijiet **Joseph Portelli et -vs- Rita Portelli et** deciza fil-15 ta' April, 2004 fejn inghad illi:

> "Wieħed irid jirriporta ruhu għall-valur fiz-zmien tal apertura tas-successjoni.

(a) Fl-ewwel lok għandhom jingabru l-beni kollha fiz-zmien tal-ftuħ tas-successjoni (relictum) u jingħata l-valur tagħhom fiz-zmien tal-apertura tas-successjoni;

(b) Minn dan l-ammont għandu jinqata' d-dejn;

(c) Mal-bilanc li jibqa' għandu jizdied il-valur tal-beni li t testatur ikun ta b'donazzjoni. Fl-artikolu 648(b) tal-Kodici Civili jingħad li din il-proprjetà "shall be fictitiously added" meħud in kunsiderazzjoni tal-valur tal-proprjetà fi zmien tal-apertura tas-successjoni izda fil-kundizzjoni li kienet meta ingħatat id-donazzjoni.

B'hekk inkunu nistgħu nsiru nafu jekk dak li ddispona minnu d-decujus (kemm matul ħajtu u wkoll permezz ta' dispozizzjonijiet testamentarji) jaqbizx is-sehem li minnu seta' jiddisponi"[1].

**Likwidazzjoni tal-assi ereditarji ta' Salvatore Vella:**

Illi jirrizulta lil din il-Qorti li l-assi ereditarji ta' Salvatore Vella mad-data tal-mewt tieghu kienu jikkonsistu fis-segwenti:

Immobbli:

i. parti wahda minn erbgha (1/4) indiviz mir-razzett u l gnejna annessa mieghu, bla isem u bla numru, fi Triq Sant'Andrija, Zurrieq dan is-sehem gie stmat fis-sena 2000 ghas-somma ta' €25,055 (ara fol. 456). Flimkien ma' din is somma trid tizdied kwart tas-somma dikjarata dovuta fuq l-esproprjazzjoni mill-Gvern ta' parti minn din l-art fit-termini tad-decizjoni datata 23 ta' Novembru, 2016 (fol. 283 et seq tal-process 954/04) u cioe' €28,932.50, total ta' €53,987.5;

ii. parti wahda minn erbgha (1/4) indiviz minn porzjon art tal kejl ta' cirka sebghin metri kwadri (70m.k.) jew kejl verjuri aktar ezatti fi Vincenzo Dimech Street, Zurrieq dan is-sehem gie stmat fis-sena 2000 ghas-somma ta' €18,500 (ara fol. 322);

iii. seba' mija u wiehed u ghoxrin punt wiehed minn hamsa u ghoxrin elf (721.1/25,000) indiviz minn porzjon art maghrufa bhala tal-Gibjun, Zurrieq, tal-kejl l-intier ta' dsatax-il elf mija u tmien metri kwadri (19108$m^2$) dan is sehem gie stmat fis-sena 2000 ghas-somma ta' €2,336.36 (ara fol. 322);

iv. parti wahda minn erbgha (1/4) indiviz mill-qabar numru 372 fic-Cimiterju ta' San Leone, Parrocca taz-Zurrieq, f'Bubaqra, Zurrieq b'access minn Saint Leo Street. Jigi rilevat li dan ma nghatax valur mill-Perit Tekniku stante li ma giex indikat bhala wiehed mill-assi ghalhekk il-Qorti ser ikollha tistrieh fuq l-ammont li

[1] Ara wkoll decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri moghtija fis 26 ta' Settembru, 2007 fl-ismijiet **Joseph Portelli pro et noe -vs- Rita Portelli et.**

nxtara lura fis-sena 1991 b'zieda li l Qorti qed taghmel *arbitrio boni viri* sabiex dan jirrifletti l-valur approssimattiv tieghu fis-sena 2000 u cioe' valur shih ta' €3,500. Is-sehem tad-decujus allura kellu l-valur ta' €875;

<u>Flus mizmuma fil-banek kif jirrizultaw mill-istatements a fol. 51 et seq u investimenti a fol. 155 et seq u a fol. 173 tal-process numru 954/04):</u>

i. nofs indiviz tal-ammont misjub fil-kont bankarju bin-numru 474024911 mal-bank HSBC Bank Malta plc – Lm3015.29 (fol. 55 tal-process 954/04) ekwivalenti ghal €7023.74;

ii. nofs indiviz tal-ammont misjub fil-kont bankarju bin-numru 474004309 mal-bank HSBC Bank Malta plc fl-aktar data vicin il-mewt tieghu – Lm2541.90 ekwivalenti ghal €5921.03 (fol. 67 tal-process 954/04);

iii. nofs indiviz ta' ishma mal-HSBC Bank Malta Sub Unsecured Loan Stock 2005 - €1164.69. Il-Qorti setghet tinnota mill istatement li gie esebit fl-atti a fol. 173 li inizjalment dan kien fl-ammont ta' Lm1000 pero' sussegwentament gie spartit fi tnejn flimkien ma' Barbara Vella. Xorta jibqa' l-fatt li Salvatore Vella kellu nofs indiviz;

iv. nofs indiviz tal-ammont li kien investit barra minn Malta f'bonds bl-isem ta' Computer Share. Dwar dan l-ammont l attur fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu jargumenta li parti minn dan l-ammont kien parafernali billi kien gej minn bejgh ta' proprjeta'. Il-Qorti wara li rat l-atti, d-dikjarazzjoni ta' Nicholas Calamatta u x-xhieda ta' Maryanne Vella tqis li ma tressqux provi sufficjenti li effettivament iwasslu ghall konkluzjoni li kien hemm xi ammont parafernali ta' Salvatore Vella. Ghaldaqstant b'referenza ghax-xhieda ta' Nicholas Calamatta a fol. 152 B et seq tal-process il-valur ta' 26 dan l-investiment gie ndikat bhala Sterlina 5505.85. Nofs tal missier jammonta ghal Sterlina 2752.92 ekwivalenti ghal €3200.00.

v. Nofs il-flus li kienu f'Bank fl-Ingilterra fit-total ta' €11,200 u li l-konvenuta xehdet a fol. 237 tal-process 954/04 li jinsabu depozitati gewwa kont fil-Bank of Valletta - €5,600.

<u>**Likwidazzjoni tal-assi ereditarji ta' Barbara Vella:**</u>

Illi jirrizulta lil din il-Qorti li l-assi ereditarji ta' Barbara Vella mad-data tal-mewt taghha kienu jikkonsistu fis-segwenti:

<u>Immobbli:</u>

i. il-fond f'sehem shih bin-numru 1, St Michael House fi Triq San Gwann, Birzebbugia dan is-sehem gie stmat ghall-valur ta' €290,000 (ara fol. 418). Il-Qorti hadet kont ukoll tar relazzjoni addizzjonali tal-Perit Tekniku Abela a fol. 415 et seq tal-process.

<u>Flus mizmuma fil-banek kif jirrizultaw mill-istatements a fol. 51 et seq u investimenti a fol. 155 et seq u a fol. 173 tal-process:</u>

i. nofs indiviz tal-ammont misjub fil-kont bankarju bin-numru 474024911 mal-bank HSBC Bank Malta plc - Lm3015.29 (fol. 55 tal-process 954/04) ekwivalenti ghal €7023.74;

ii. kont bankarju bin-numru 047013685051 mal-bank HSBC Bank Malta plc - €3,341.52;

iii. is-somma rimanenti misjuba fil-kont bankarju bin-numru 474004309 (liema kont numru nbidel ghall-kont numru 27 047013685050) mal-bank HSBC Bank Malta plc li tinkludi n nofs taghha mal-mewt tar-ragel u l-flus li dahlu wara sal mewt u wkoll esklusi l-flus li ngibdu minnha mill-mewt ta' tar-ragel sad-data tal-mewt taghha fis-somma ta' - €1171.04 (fol. 84 tal-process 954/04);

iv. kont bankarju bin-numru 477075800 li wkoll bidel in-numru ghall-kont numru 047-013685-100 mal-bank HSBC Bank Malta plc - €8,504.12 (fol. 85 et seq tal-process 954/04);

v. kont bankarju bin-numru 047013685101 mal-bank HSBC Bank Malta plc - €11,942.09 (fol. 93 et seq tal-process 954/04);

vi. nofs indiviz ta' ishma mal-HSBC Bank Malta Sub Unsecured Loan Stock 2005 - €1164.69.

vii. nofs indiviz tal-ammont li kien investit barra minn Malta f'bonds bl-isem ta' Computer Share f'ammont Sterlina 5505.85. Nofs tal-omm jammonta ghal £2752.92 ekwivalenti ghal €3200.00.

viii. Nofs il-flus li kienu f'Bank fl-Ingilterra fit-total ta' €11,200 u li l-konvenuta xehdet a fol. 237 tal-process 954/04 li jinsabu depozitati gewwa kont fil-Bank of Valletta - €5,600.

<u>**Donazzjonijiet:**</u>

Illi l-ligi tesigi li ghandhom jittiehdu in kunsiderazzjoni d donazzjonijiet meta ssir il-komputazzjoni tal-legittima. Mill-atti jirrizulta li l-mejta Salvatore u Barbara konjugi Vella ghamlu s segwenti donazzjoni rrevokabbli a favur tal-konvenuta.

i. Donazzjoni rrevokabbli a favur l-intimata Antonia sive Antoinette Barbara bil-kuntratt tal-21 ta' Novembru, 1995 fl atti tan-Nutar Mario Bugeja tal-garaxx anness mal-fond li 28 jgib l-isem ta' Saint Michael House, fi Triq San Gwann, Birzebbuga (ara nota ta' insinwa a fol. 242 tal-process) - €18,634.99.

Fit-termini tal-artikolu 4 tal-ewwel testment tat-testaturi jirrizulta dawn

ezentaw lill-eredi mill-obbligu tal imputazzjoni ghal sehemhom u mill-konferiment fil-massa ereditarja ta' dak kollu li rcevew jew ghad jistghu jircievu minghand it-testaturi ghal kull raguni u taht kull titolu. Dan izda ma jfissirx li l-valur ta' din id-donazzjoni ma ghandhiex tittiehed in konsiderazzjoni sabiex wiehed jikkalkula l-valur tal legittima dovuta lill-attur stante li l-ligi hekk timponi kif ukoll spjegat aktar il-fuq fil-gurisprudenza kwotata.

**Spejjez u djun li ghandhom jigu diminai termini tal-ligi:**

Mill-atti jirrizulta li bhala spejjez kien hemm dawk funerarji u spejjez ohra li jammontaw komplessivament fl-ammont ta' €2287.58 (ara ricevuti a fol. 268 et seq tal-process).

**Kalkolazzjoni:**

Total tal-valur tal-immobbli, flus u investimenti u donazzjoni - €449,097.01

| | |
|---|---|
| Valur totali – | €449,097.01 - |
| Spejjez - | € 2,287.58 |
| | €446,809.43 |

Sehem f'legittima (1/6) - €74,468.24

Illi l-Qorti minn kalkolu semplici sabiex tistabbilixxi l-valur tal legati tal-attur, fejn hadet il-valur kollu tal-immobbli mghoddija b'legat fid-data tal-mewt tat-testaturi (skont is-sehem), l-flus fil banek u fl-istituzzjonijiet mhollija lill-attur, kif ukoll l-ammont li l attur sejjer jiehu mid-decizjoni tal-Bord ta' l-Arbitragg dwar Artijiet deciza nhar it-23 ta' Novembru, 2016 fl-ismijiet Kummissarju ta' l-Artijiet -vs- John Vella et rat li jirrizulta bic-car li dak li ser jiehu l-attur fl-legati jizboq sew l-ammont dovut lilu f'legittima b'somma aprossimattiva ta' madwar €25,000 oltre l-legittima kif kalkolata aktar il-fuq. Ghaldaqstant fid-dawl ta' dak suespost din il-Qorti ser tghaddi sabiex tilqa' t-tielet eccezzjoni tal konvenuta fl-intier taghha u konsegwentement tghaddi sabiex tichad dawk it-talbiet tal-attur safejn huma nkompatibbli ma dak hawn fuq deciz.

**Decizjoni:**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi din il-kawza kif isegwi;

1. Tiddikjara l-ewwel u t-tieni eccezzjoni tal-konvenuta sorvolati;

2. Tilqa' mill-ewwel sar-raba' talba tal-attur kif fuq elenkat, kalkolat u konkluz;

3. Tilqa' l-hames talba tal-attur u tiddikjara li l-attur ghandu jedd ghall-legittima fuq l-ereditajiet tal-genituri tieghu, tilqa' in parte s-seba' talba u tillikwida l-legittima fil-valur ta' erba' u sebghin elf, erba' mija u tmienja u sittin Euro u erba' u ghoxrin centezmu (€74,468.24).

4. Tilqa' t-tielet eccezzjoni tal-konvenuta in toto u tghaddi sabiex tichad is-sitt talba tal-attur;

5. Stante li rrizulta lil din il-Qorti li l-valur tal-legati mhollija lill-attur jammontaw ghal ferm oltre l-legittima dovuta lilu, il-Qorti salv il-jedd tal-attur li jigi imess fil-pussess tal-legati mhollija lilu, tghaddi sabiex tichad il-bqija tas-seba' talba fejn qed tintalab l-assenjazzjoni ta' somom u beni u wkoll tichad it-tmien talba tal-attur;

6. Tilqa' d-disa' talba limitatament billi tinnomina lin-Nutar Dr. Gertrude Farrugia Wismayer sabiex tircievi u tippublika l-kuntratt relattiv ghall-imissjoni fil-pussess tal-legati lill attur mill-konvenuta eredi liema kuntratt ghandu jigi ppubblikat f'mhux aktar tard minn tlett xhur minn meta din id-decizjoni ssir res judicata, tinnomina lil Dr Alex Scerri Herrera bhala kuratur deputat ghall-eventwali kontumacja tal-konvenuta fuq dan l-att u tichad il-bqija tad-disa' talba fejn qed tintalab in-nomina ta' perit sabiex jipproponi pjan ta' divizjoni stante li rrizulta li ma hemmx il-bzonn li dan isir.

Dwar l-ispejjez li ghadhom mhux decizi, fir-rigward tat-tielet eccezzjoni u s-sitt talba ghandhom jigu sopportati mill-attur, il bqija tal-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu sopportati wkoll mill attur stante li rrizulta li l-konvenuta kienet sa minn qabel il-kawza disposta li tersaq ghall-immissjoni fil-pusses tal-legati dovuti lill-attur (dan kieku sar kien isolvi l-pendenza minghajr bzonn li tinfetah il-kawza odjerna) izda jirrizulta li dan ma sarx nuqqas tal attur stess, ghajr izda ghall-ispejjez tal-Perit Tekniku Godwin Abela li ghandhom jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet. L-ispejjez tan-Nutar u tal-Kuratur sabiex isir il-kuntratt ghall immissjoni fil-pussess tal-legati ghandhom jigu sopportati mill eredita' u cioe' mill-konvenuta stante li hija l-uniku eredi. Taxxi kull parti thallas dak dovut minnha skont il-ligi.

Tordna komunika tad-decizjoni lin-Nutar Dr Gertrude Farrugia Wismayer u l-kuratur nomina Dr. Alex Scerri Herrera."

**<u>RIKORS TAL-APPELL tal-attur Saviour Vella (02.11.2022):</u>**

5. L-aggravji tal-attur appellant, in suċċint, huma s-segwenti:

(1) <u>Il-leġittima u l-legati:</u>

Fl-ewwel lok isostni li l-legati ma kellhomx jiġu imputati għal-leġittima.

(2) <u>Komputazzjoni tal-leġittima tirrifletti valuri fiż-żmien tal-mewt:</u>

Fit-tieni lok jilmenta li l-komputazzjoni tal-leġittima ma saritx tajjeb għaliex tirrifletti valuri fiż-żmien tal-mewt tal-ġenituri (2000 u 2003) u mhux l-aktar viċin għall-pronunzja ġudizzjarja.

(3) <u>Żball fil-komputazzjoni tal-leġittima:</u>

Fit-tielet lok jargumenta li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata ukoll dwar kif ġiet komputata l-leġittima dovuta lilu. Isostni li anke kieku wieħed kellu jaċċetta li l-legati huma imputabbli għal-leġittima, xorta jiġi li għandu jieħu €17,586.70, liema ammont għandu jingħata *in natura* u mhux bħala flus.

(4) <u>Id-deċiżjoni tal-Bord tal-Arbitraġġ dwar Artijiet deċiża fit-23.11.2016 *(Kummissarju tal-Artijiet v John Vella et):*</u>

Fir-raba' lok jargumenta li waqt li l-Ewwel Qorti kienet qed tiddelibera dwar l-ammonti dovuti lilu bħala leġittima u dak li effettivament ser jirċievi fil-forma ta' legati semmiet "*kif ukoll l-ammont li l-attur sejjer jieħu mid-deċiżjoni tal-Bord tal-Arbitraġġ dwar Artijiet deċiża nhar it-23 ta' Novembru 2016 fl-ismijiet Kummissarju tal-Artijiet vs John vella et…"* min-naħa kkonfermat li għandu jipperċepixxi parti mis-somma u min-naħa l-oħra ma speċifikatx l-ammont jew is-sehem lilu dovut. Jargumenta li bħalma għandu jirċievi nofs is-sehem tat-testaturi tar-razzett u r-raba' anness f'St Andrew's Street, Żurrieq kif indikat abbażi tal-legat numru (iii) fit-testment tal-1999, huwa għandu jirċievi nofs l-ammont li ser jiġi perċepit bis-saħħa tas-sentenza tal-Bord, *ossia* l-ammont ta' €14,466.25 (nofs €28,932.50).

(5) <u>Il-leġittima trid tingħata *in natura:*</u>

Finalment jissottometti li kemm jekk din il-Qorti tiddeċiedi li huwa intitolat għal-leġittima *oltre* l-legati, u kemm jekk tiddeċiedi li timputa l-valur tal-legati għal-leġittima, fi kwalunkwe każ ser ikun dovut leġittima *in toto* jew *in parte.* Isostni li l-leġittima trid tingħata bħala kwota mill-ġid tal-ġenituri. Jgħid li l-unika beni li hemm u li minnu jista' jingħata sehem huwa parti mid-dar *St Michael House*. Jaċċenna għall-fatt li tali proprjetà għandha ġnien li jinsab adjaċenti mal-proprjetà residenzjali tiegħu u jissottometti li jkun jagħmel sens

li l-leġittima dovuta lilu tingħatalu minn tali proprjetà.

**<u>RISPOSTA TAL-APPELL tal-konvenuta Antoinette Carmen Barbara (30.11.2022)</u>:**

6. Il-konvenuta appellata wieġbet biex tgħid għaliex l-appell tal-attur għandu jiġi miċħud fl-interità tiegħu u s-sentenza appellata għandha tiġi kkonfermata, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi a karigu tal-attur.

**<u>KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI:</u>**

**<u>It-testmenti tal-ġenituri tal-kontendenti:</u>**

7. Il-ġenituri tal-kontendenti għamlu s-segwenti testmenti:

(a) <u>Permezz tat-testment *unica charta* tat-13 ta' Ottubru 1988 fl-atti tan-Nutar Mario Bugeja</u>, huma istitwew liż-żewġ uliedhom (l-attur u l-konvenuta) bħala l-eredi universali tagħhom u eżentawhom mill-obbligu tal-imputazzjoni għal sehemhom u mill-konferiment fil-massa ereditarja ta' dak kollu li rċevew jew għad jistgħu jirċievu mingħandhom. L-Artikoli rilevanti jaqraw hekk:

> *<u>"It-Tielet Artikolu:</u>*
>
> *Salv il-premess il-komparenti testaturi qed jinnominaw u jistitwixxu eredi universali u padruni assoluti ta' ġidhom kollu għal wara mewthom lil uliedhom kollha u ċjoè Antonia mart Francis Barbara u*

*Saviour James Vella, fi kwoti ugwali bejniethom bis-sostituzzjoni vulgari għal uliedhom f' każ ta' premorianza u fin-nuqqas ta' ulied bid-dritt ta' akkrexximent bejniethom.*

*<u>Ir-Raba' Artikolu:</u>*

*Il-komparenti testaturi qed jeżentaw lil uliedhom kollha mill-obbligu tal-imputazzjoni għal sehemhom u mill-konferiment fil-massa ereditarja ta' dak kolllu li rċevew jew għad jistgħu jirċievu mingħand it-testaturi għal kull raġuni u taħt kull titolu."*

(b) <u>Permezz ta' testment ieħor datat 11 ta' Mejju 1999, huma emendaw partijiet mit-testment preċedenti</u>, b'mod li ħallew lil binthom il-konvenuta biss bħala l-unika eredi tagħhom, filwaqt li lil binhom l-attur ħallewlu diversi legati. Il-partijiet rilevanti jaqraw hekk:

*"U peress li l-komparenti testaturi jinsabu fi pieni poteri mentali u kapaci skond il-ligi, u peress li huma jixtiequ jzidu u jemendaw it-testment unica charta ppublikat fl-atti tieghi tat-tlettax (13) ta' Ottubru, elf disa' mija u tmienja u tmenin (1988) kif inhu gej, huma gew ghall-formazzjoni u pubblikazzjoni ta' dan it-testment li bih huma jordnaw dan li gej:-*

*<u>L-Ewwel Artikolu;</u>*

*It-testaturi qed ihallu b'titolu ta' legat in assoluta proprjeta lil binhom Saviour James Vella (i) kull sehem li t-testatur ghandu mill-ghalqa maghrufa bhala tal-Gibjun, Nigret, Zurrieq. (ii) kull sehem li t-testaturi ghandhom mill-porzjon ta' art forma ta' triangolu li tinsab fi Triq Vincenza Dimech, Zurrieq. (iii) nofs sehem it-testaturi tar-razzett u r-rabgha anness f'Saint Andrew's Street, Zurrieq. (iv) il-flus kollha li t-testaturi jkollhom fil-bank jew istituzjoni simili f'Malta fil-gurnata tal-mewt taghhom it-tnejn. (v) nofs kull depozitu bankarju li t-testaturi jkollhom jew jista' jkollhom fil-gurnata tal-Mewt barra minn Malta; u dan bis-sostituzjoni volgari a favur ta' uliedu f'kaz ta' premorianza.*

*<u>It-Tieni Artikolu</u>*

*It-testaturi qed ihassru it-Tielet Artikolu tal-precitat testment u minflok jordnaw dan li gej :*

*It-testaturi qed jinnominaw u jistitwixxu eredi universali u padruna assoluta ta' gidhom kollu ghal wara mewthom lil binthom Antonia mart Francis Barbara, bis-sostituzjoni volgari a favur ta' uliedha f'kaz ta'*

*premorianza. It-testaturi qed jiddikjaraw li qed jinnominaw lil binthom bhala eredi peress li hi ddur bihom u dejjem isibuha meta jigu bzonn.*

*Salv il-premess it-testaturi qed jikkonfermaw it testment fuq citat."*

**(1) L-ewwel aggravju**: *il-legati oltre l-leġittima?*

8. Il-kwistjoni ewlenija bejn il-kontendenti hija jekk l-attur għandux jieħu l-leġittima oltre l-legati mħollija lilu bit-testment tal-1999, jew jekk il-valur ta' dawn il-legati għandux jiġi imputat mil-leġittima dovuta lilu.

9. L-Ewwel Qorti fil-fatt ikkonkludiet li l-valur tal-legati għandu jiġi imputat mil-leġittima, dan wara li qieset is-segwenti fatturi:

- Għalkemm l-eżenzjoni msemmija fir-Raba' Artikolu tat-testment tal-1988 tħalliet viġenti fit-testment tal-1999 dan kien b'referenza għall-konvenuta li bit-testment tal-1999 issa saret l-unika eredi u mhux ukoll għall-attur li tneħħa minn eredi.

- Li din kienet l-intenzjoni tat-testaturi toħroġ ċara mill-fatt li fit-testment tal-1999 iddikjaraw li kienu qed jistitwixxu lil binthom il-konvenuta bħala l-unika ereda għar-raġuni li kienet tieħu ħsiebhom, fejn ċertament ma kinitx l-intiża tagħhom li binthom tispiċċa b'inqas valur tal-eredità minn ħuha l-attur.

- L-argument li l-attur għandu jiġi eżentat milli jimputa l-valur tal-legati mil-leġittima lilu dovuta tmur kontra l-volontà ċara tat-testaturi.

- L-eżenzjoni mill-kollazzjoni fir-Raba' Artikolu saret għaliex it-testaturi kienu għaddew diversi proprjetajiet lil uliedhom li għalkemm ġew trasferiti bħala bejgħ, fil-fatt irriżulta li għaddewlhom il-flus lura. Kien f'dan il-kuntest li tali Raba' Artikolu tħalla viġenti, u mhux biex l-attur ma jimputax il-legati lilu mħollija fil-leġittima.

- L-eżistenza tar-Raba' Artikolu għat-testment tal-1999 hija wkoll ġustifikata għar-raġuni li l-konvenuta rċeviet proprjetà b'donazzjoni mingħand it-testaturi tul ħajjithom.

10. L-attur ħassu aggravat b'tali konklużjoni u jsostni li huwa effettivament intitolat kemm għal-legati u kif ukoll għal-leġittima u jisħaq li l-valur tal-legati m'għandux jiġi imputat għal-leġittima. In sostenn ta' din it-teżi tiegħu jaċċenna: għar-Raba' Artikolu tal-ewwel testment *unica charta* tal-1988; għal-liġi applikabbli għal dan il-każ, fejn isostni li ma kinitx tikkontempla li l-legati jiġu imputati għal-leġittima; u għall-Art. 620(5) li ġie introdott fl-2004 li jipprovdi li persuna li jkollha dritt għas-sehem riżervat għandha tieħu akkont ta' tali sehem riżervat kull beni mħollija lilha b'testment, fejn jenfasizza li dan is-subinċiż ma kienx jeżisti preċedentement.

<u>Il-liġi applikabbli għal dan il-każ, u l-liġi kif inhi llum (wara l-2004):</u>

11. Qabel ma tgħaddi biex tikkunsidra l-kwistjoni dwar jekk l-eżenzjoni taħt ir-Raba' Artikolu tat-testment tal-1988 għandhiex titqies li baqgħet tgħodd għall-attur appellant wara li bit-testment tal-1999 tneħħa minn eredi, din il-Qorti jidhrilha li jkun opportun li tibda billi tikkunsidra x'kienet il-pożizzjoni legali applikabbli għall-każ (qabel l-emendi tal-2004) meta persuna li jkollha jedd għal-leġittima tkun ġiet nominata bħala legatarja. L-attur appellant fil-fatt jilmenta li l-Ewwel Qorti bbażat id-deċiżjoni tagħha unikament fuq l-interpretazzjoni tagħha tar-Raba' Artikolu tat-testment tal-1988 mingħajr ma qieset dak li tgħid il-liġi.

12. Huwa jirreferi għall-Artikolu 620(5) tal-Kap 16 li ġie miżjud bl-Att XVIII tal-2004 u li jipprovdi li:

> *"(5) Il-persuna li jkollha jedd għas-sehem riżervat għandha tieħu akkont tas-sehem tagħha kull beni mħollija lilha b'testment u ma tista' tirrinunzja għal ebda dispożizzjoni testamentarja favur tagħha u titlob is-sehem riżervat, sakemm dik id-dispożizzjoni testamentarja ma ssirx f'użufrutt jew tkun tikkonsisti fil-jedd ta' użu jew abitazzjoni, jew tkun tikkonsisti f'renta vitalizja jew renta għal żmien limitat."*

u jinferixxi li l-fatt li l-leġislatur ħass il-ħtieġa li jemenda l-liġi u jinkludi din id-dispożizzjoni espressa ma jfisser xejn għajr li din ir-regola ma kinitx teżisti fil-liġi preċedenti, u li għalhekk ried li jintroduċiha b'tali emenda.

13. It-teżi tal-attur appellant għalhekk hija li qabel l-emendi tal-2004 il-

liġi ma kinitx tikkontempla li persuna li jkollha dritt għal-leġittima għandha tieħu akkont tal-leġittima dawk il-legati mħollija lilha bit-testment u allura jippretendi li għandu dritt jieħu kemm il-legati u kif ukoll il-leġittima.

14. Dan l-argument tiegħu huwa kompletament bla bażi. Bil-fatt li qabel l-2004 il-liġi ma kinitx tipprovdi speċifikatament li min għandu dritt għal-leġittima għandu jieħu akkont tal-leġittima dawk il-beni mħollija lilu bit-testment ma jsegwix li allura li l-pożizzjoni kienet li min għandu dritt għal-leġittima jista' jieħu mhux biss il-leġittima iżda kif ukoll il-legati mħollija lilu.

15. Id-differenza li ġab miegħu l-Artikolu 620(5) tal-Kodiċi Ċivili hu fis-sens li fejn qabel l-2004 persuna setgħet tirrinunzja għal-legat partikolari mħolli lilha u titlob li minflok tieħu l-leġittima (li dak iż-żmien kienet tikkonsisti f'sehem mill-beni tal-mejjet, magħruf bħala *pars bonorum*, u mhux kreditu tal-valur tas-sehem riservat kontra l-beni tal-mejjet, kif inhu illum) issa ma tistax tagħmel hekk. Huwa f'dan is-sens li l-Artikolu 620(5) biddel is-sitwazzjoni; assolutament mhux il-każ li qabel ma daħal fis-seħħ persuna setgħet tieħu l-legati *oltre* l-leġittima spettanti lilha kif jippretendi l-attur. Fil-fatt it-teżi tal-attur li l-legat ma jitqiesx akkont tal-leġittima ma jagħmel ebda sens loġiku. Il-leġittima hija rimedju għal meta wild ma jiħux sehem xieraq mill-ġid. Jekk dak is-sehem xieraq ħadu f'forma ta' legat ma hemmx lok għar-rimedju tal-leġittima. Jekk fil-każ tal-lum l-attur ried li jieħu *pars bonorum* kellu jirrinunzja għal-legati mħollija lilu u jieħu sehem

mill-beni kollha tal-wirt.

Ir-Raba Artikolu tat-testment tal-1988:

16. Stabbilit li l-pożizzjoni legali anke qabel l-2004 kienet li l-valur tal-legati jrid jiġi nkluż fil-komputazzjoni tal-leġittima, tqum il-kwistjoni jekk ir-Raba' Artikolu tat-testment tal-1988 li jaqra hekk:

> "*Ir-Raba' Artikolu:*
>
> *Il-komparenti testaturi qed jeżentaw lil uliedhom kollha mill-obbligu tal-imputazzjoni għal sehemhom u mill-konferiment fil-massa ereditarja ta' dak kolllu li rċevew jew għad jistgħu jirċievu mingħand it-testaturi għal kull raġuni u taħt kull titolu."*

jeżentax lill-attur milli jagħmel dan.

17. In sostenn tal-argument tiegħu li dan ir-Raba' Artikolu għandu japplika mhux biss fil-konfront ta' oħtu iżda wkoll fil-konfront tiegħu għal dak li jirrigwarda s-sehem leġittimarju tiegħu l-attur appellant jagħmel is-segwenti punti:

(a) Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza preliminari tagħha tat-13 ta' April 2007 dwar l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet irrikonoxxiet u kkonfermat li t-testaturi kienu espressament eżentawh mill-kollazzjoni u imputazzjoni ta' dak kollu li kienu tawh u li kienu se jtuh anke permezz tat-testment.

(b) L-eżenzjoni kontemplata fir-Raba' Artikolu tirrigwarda mhux biss dak li l-ulied ingħataw sad-data tat-testment imma anke wara, u *"għal*

*kull raġuni u taħt kull titolu*", u għalhekk dan jinkludi kemm titolu *inter vivos* kif ukoll titolu *causa mortis*; għalhekk anke dak li kellu jirċievi *causa mortis* (*ossia* l-legati) mhumiex imputabbli għas-sehem leġittimarju tiegħu.

(c) L-interpretazzjoni tal-Ewwel Qorti li l-intenzjoni tat-testaturi kienet li jħallu l-legati in sodisfazzjoni tal-leġittima mhix korretta. Kieku hekk kien il-każ kienu jgħidu dan espressament lin-Nutar. In-Nutar xehed li niżżel dak li qalulu.

(d) Il-kunsiderazzjoni tal-Ewwel Qorti li r-Raba' Artikolu baqa' viġenti biss b'referenza għal oħtu u mhux ukoll għalih ma tagħmilx sens, għaliex ladarba minn żewġ eredi saru waħda biss, żgur li tali Artikolu ma tħalliex fis-seħħ limitatament għall-konvenuta biss.

(e) L-assunzjoni li t-testaturi ma ridux li huwa jieħu iktar minn oħtu (l-eredi) hija assunzjoni żbaljata, għaliex sempliċi kalkolazzjoni turi li anke jekk huwa jieħu l-leġittima *oltre* l-legati, xorta ma jlaħħaqx nofs il-valur li ser tirċievi l-konvenuta.

(f) Mhux minnu li t-testaturi kienu għaddew lura l-flus mogħtija minn uliedhom fir-rigward tat-trasferimenti li kienu għamlulhom. Kieku hekk kien il-każ kienu jagħmlu donazzjoni, kif fil-fatt għamlu mal-konvenuta

fir-rigward tal-garaxx.

(g) It-tieni testment kien addizzjonali u ma jissostitwixxix l-ewwel wieħed li baqa' validu u viġenti. Fejn it-testaturi riedu jħassru xi Artikolu tat-testment tal-1988 dan speċifikawh, bħalma għamlu fir-rigward tat-Tielet Artikolu. Ladarba ma ħassrux ir-Raba' Artikolu mela huwa ċar li r-rieda tagħhom kienet li jibqa' applikabbli fil-konfront tal-eredità tagħhom. Anzi t-testaturi qalu li "*salv il-premess*" kienu qegħdin jikkonfermaw it-testment tal-1988.

18. Jibda' biex jingħad li mhux minnu li din il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tat-13 ta' April 2007 dwar l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari rrikonoxxiet li l-eżenzjoni kontemplata fir-Raba' Artikolu tat-testment tal-1988 tapplika fil-konfront tiegħu. Dak li qalet din il-Qorti f'tali sentenza kien is-segwenti:

> *"Imbaghad l-Artikolu 620 subartikolu (4) jiddisponi li "Dak li jmissu l-legittima ghandu jaqta' minnha dak kollu li jkun ha minghand it-testatur u li jkun suggett ghall-kollazzjoni taht id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 913 sad-938." Dan juri bic- car li ma hemm ebda inkompatibilita` bejn l-accettazzjoni tal-legati mhollija b'testment lid-dixxendent li, per legge, huwa intitolat ghal "legittima portio" u t-talba ghal likwidazzjoni u hlas tal-legittima spettanti lilu.*
>
> *Huwa f'dan il-kuntest li kellha tigi indirizzata l-indagini ta' l ewwel Qorti billi, dak li kellu jigi deciz, fid-dawl tat-talbiet attrici, kien jekk, in vista` ta' l-ezenzjoni tal-kollazzjoni u imputazzjoni kontenuta fir-Raba' Artikolu tat-Testment tal genituri tal-kontendenti tat-13 ta' Ottubru 1988, li jghid testwalment li "Il-komparenti testaturi qed jezentaw lil uliedhom kollha [u ċjoè l-attur u l-konvenuta] mill-obbligu tal-imputazzjoni ghal sehemhom u mill-konferiment fil massa ereditarja ta' dak kollu li recevew jew ghad jistghu jircievu minghand it-testaturi ghal kull raguni u taht kull titolu." kellhiex tigi milqugha s-sitt (6) talba attrici fejn qed jintalab li l-Qorti "Tiddikjara li l-attur <u>huwa ezenti milli</u>*

> *<u>jnaqqas il-valur ossia jimputa l-valur tal-legati</u> mhollija lilu permezz tat-testment unica charta datat hdax ta' Mejju tas-sena elf disa' mija u disgha u disghin (11/05/1999), <u>mill-legittima dovuta lilu</u> ." Dan kien il-pern kollu tal kwistjoni u mhux jekk l-attur ghandux interess guridiku li jistitwixxi dawn il-proceduri billi dan id-dritt huwa moghti lilu mill-ligi meta hemm riservat favur tieghu d-dritt tal legittima qua dixxendent tat-testaturi.*
>
> *Ghar-ragunijiet fuq moghtija, u mhux ghal dawk li jinghataw fis-sentenza appellata, is-sentenza appellata qed tigi kkonfermata bl-ispejjez ta' din l-istanza ghall konvenuta appellanti u konsegwentement il-Qorti tordna li l-atti tal-kawza jergghu jintbaghtu quddiem l-ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni skond il-ligi u fid-dawl ta' dak li jinghad aktar 'il fuq f'din is-sentenza."*

19. Din il-Qorti tal-Appell f'tali sentenza għamlitha ċara li "*dak li kellu jiġi deċiż*" hu jekk is-sitt talba tal-attur (fejn talab li jiġi dikjarat li huwa eżentat milli jnaqqas il-valur tal-legati mil-leġittima spettanti lilu) kellhiex tintlaqa' *in vista* tal-eżenzjoni li tissemma' fir-Raba' Artikolu tat-testment tal-1988. Hija bl-ebda mod ma rrikonoxxiet li l-eżenzjoni kienet tapplika (jew ma tapplikax) għalih. Li kieku għamlet hekk kienet tkun qiegħda tiddeċiedi hija stess fuq il-mertu tas-sitt talba, li assolutament ma kienx il-każ.

20. Dwar il-fatt li r-Raba' Artikolu tat-testment tal-1988 ma tħassarx bit-testment tal-1999, dan mhu ta' ebda konfort għall-attur. Jiġi enfasizzat li dan ir-Raba' Artikolu kellu relevanza fil-kuntest tal-ewwel testment fejn iż-żewġ ulied kellhom sehem mill-wirt bħala ko-eredi. It-tieni testment ħatar biss lill-konvenuta bħala werrieta u għalhekk ma jikkontemplax li l-ulied ikollhom "sehem" jekk it-testment jingħata effett. Fil-fatt l-Art. 913 *et seq.* tal-Kodiċi Ċivili jikkontempla kollazzjoni bejn il-werrieta biss. Isegwi li ma

hemmx lok għaliha fejn hemm biss werriet wieħed. Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-fatt biss li l-attur mhux werriet u li hemm werrieta waħda biss tirrendi irrelevanti dak li jingħad dwar kollazzjoni fir-Raba' Artikolu.

21. L-attur appellant jargumenta wkoll li l-eżenzjoni msemmija fir-Raba' Artikolu tat-testment tal-1988, in kwantu tirreferi għal affarijiet li wliedhom "*għad jistgħu jirċievu*", tikkontempla mhux biss affarijiet mogħtija "*inter vivos*" iżda wkoll "*causa mortis*", u jżid jgħid ukoll illi li kieku testaturi riedu jħallu l-legati in kwistjoni (ċjoè affarijiet mogħtija "*causa mortis*") in sodisfazzjon tal-leġittima, dan kienu jgħiduh espressament lin-Nutar. Huwa jenfasizza li n-Nutar Mario Bugeja li rredieġa ż-żewġ testmenti ma qalx li t-testaturi riedu jagħmlu proprjament dak li kkonkludiet l-Ewwel Qorti. Iżda x-xhieda tan-Nutar Mario Bugeja[2] fil-fatt hija fis-sens li l-intenzjoni tat-testaturi kienet li binhom jieħu biss il-proprjetajiet elenkati fit-testment u lilu hemm mogħtija, u li binthom tkun l-eredi u li allura tieħu l-bqija li jifdal mill-eredità:

> *"Dr Michael Grech:*
>
> *L-intenzjoni tat-testaturi meta għamlu t-tieni testment tan-1999 ngħid sew illi lil Saviour James Vella jħallulu biss dak li hemm fil-legat u xejn aktar, il-legat fl-Ewwel Artikolu u xejn aktar?*
>
> *Xhud – Nutar Mario Bugeja:*
>
> *Ifhimni, eredi lilha, u lilu …l-proprjetajiet.*
>
> *Dr Michael Grech:*
>
> *Imma l-intenzjoni tagħhom kienet meta ġew quddiemek biex iħallu lil*

[2] Xhieda tal-24 ta' Novembru 2014, fol 361 *et seq*

*Saviour iħallulu…*

*<u>Xhud – Nutar Mario Bugeja:</u>*

*Il-proprjetajiet, iva.*

*<u>Dr Michael Grech:</u>*

*U xejn aktar.*

*<u>Xhud – Nutar Mario Bugeja:</u>*

*Naħseb hekk qiegħda.*

*…*

***<u>Ri-eżami:</u>***

*<u>Dr Tony Cassar:</u>*

*Ara Nutar, ġie suġġerit lilek illi riedu illi fit-tieni testment Salvatore Vella u Barbara Vella riedu jeskludu lil Saviour James Vella mill-kumplament. Li kieku qalulek li riedu jeskludu naħseb li dan kont tniżżlu hux hekk, inti?*

*<u>Xhud – Nutar Mario Bugeja:</u>*

*Le huma kitbulu dan biss. Issa…! U eredi lilha. Issa jien s' hemm nasal; għax issa kif ninterpretaha mhux jien…*

*<u>Dr Tony Cassar:</u>*

*Pero` li kieku qalulek li rridu neskludu minn kwalunkwe ħaġa oħra kont tniżżilha hux hekk? Bħala kieku qalulek speċifikatament "jiena rrid neskludi lil ibni".*

*<u>Xhud – Nutar Mario Bugeja:</u>*

*Mhux neċessarjament. Jiddependi miċ-ċirkostanzi kif ikunu. Jiġifieri dak il-ħin ma ħassejtx li għandi nniżżel xejn ħlief li hawn miktub. Issa kif ser tinterpretah ma nistax nindaħal jien fiha.*

*<u>Dr Tony Cassar:</u>*

*Imma jiġifieri dakinhar ġie qallek xi ħaġa xi ħadd jew la ma niżżiltx ma qallek xejn ħadd?*

*<u>Xhud Nutar Mario Bugeja:</u>*

*Le, le, dan ġew il-ġenituri u qaluli li ser jagħmlu dan it-testment u li kif*

*jixtiequ jagħmluh u niżżilt kif qaluli."*

22. L-attur appellanti jargumenta wkoll illi kienet żbaljata l-Ewwel Qorti meta assumiet illi jekk huwa jieħu l-leġittima *oltre* l-legati jiġi li jkun qiegħed jieħu iktar mill-eredi oħtu, u li jekk il-valur tal-legati jiġi imputat għal-leġittima jiġi li oħtu tkun ħadet ftit iżjed minnu. Jidher li qed jirreferi għas-segwenti brani mis-sentenza (sottolinear ta' din il-Qorti):

> *"Il-Qorti tqis li din l-intenzjoni tat-testaturi toħroġ ċara mill-assjem tal-provi fl-atti tenut kont tal-fatt li fit-tieni testment tagħhom it-testaturi indikaw bil-miktub li kienu qed jistitwixxu lil binthom il-konvenuta bħala eredi universali unika għar-raġuni li kienet qed tieħu ħsiebhom. Minn din id-dikjarazzjoni toħroġ ċara l-intenzjoni tat-testaturi li lil binthom jew jiffavuruha oltre minn binhom l-ieħor jew almenu tkun daqsu, <u>ċertament ma kinux qed jintendu li binthom l-eredi li qiegħda tgħinhom tispiċċa b' inqas valur tal-eredità minn ħuha l-attur.</u>*
>
> *…*
>
> *<u>Illi jekk effettivament jirriżulta li l-konvenuta tieħu ftit iktar bħala valur dan huwa riżultat tal-intenzjoni ċara tat-testaturi kif ġia suespost li fit-Tieni Artikolu tat-testment tal-11 ta' Mejju 1999</u> li l-konvenuta tiġi inċentivata iktar mill-attur billi "…hi ddur bihom u dejjem isibuha meta jiġi bżonn." Għalhekk l-argument tal-attur li għandu jiġi eżentat milli jimputa l-valur tal-leġati mil-leġittima lilu dovuta tmur kontra l-volontà ċara tat-testaturi."*

23. L-attur appellant isostni li l-legati li tħallewlu jikkontjenu proprjetajiet li fihom it-testaturi kellhom ishma indiviżi żgħar ħafna, filwaqt li l-valur tal-eredità jinsab fil-proprjetà *St Michael's House* li tappartjeni interament lill-eredità. Jenfasizza li jekk jieħu l-legati *oltre* l-leġittima mhux il-każ li ser jiġi li jieħu iktar minn oħtu u li xorta jiġi li ser tieħu konsiderevolment iktar minnu.

24. L-Ewwel Qorti fil-fatt ikkalkulat li l-valur tal-legati jiżboq il-valur tal-

leġittima (€74,468.24)[3] b'madwar €25,000 u allura kieku kellha tintlaqa' t-talba tal-attur u dawn jitqiesu flimkien xorta jiġi li oħtu tkun ħadet konsiderevolment iktar minnu, u mhux sempliċiment "ftit iktar". Madanakollu dan xejn ma jnaqqas mill-kunsiderazzjonijiet li diġà għamlet din il-Qorti iktar 'il fuq.

25. Fir-rigward tal-osservazzjoni tal-Ewwel Qorti li r-Raba' Artikolu tat-testment tal-1988 sar għaliex it-testaturi kienu tul ħajjithom għaddew bosta proprjetajiet lil uliedhom, li għalkemm dehru li ġew trasferiti bħala bejgħ irriżulta li għaddew il-flus lura lil uliedhom, l-attur appellant isostni li dan mhux minnu. Iżda jekk hux minnu jew le, dan qajla hu ta' rilevanza għal dan l-aggravju.

26. Fid-dawl ta' dan kollu jirriżulta li l-attur assolutament ma jistax jistrieħ fuq ir-Raba' Artikolu tat-testment tal-1988 in sostenn tal-pretenzjoni tiegħu li l-leġittima għandu jeħodha *oltre* l-legati mħollija lilu bit-testment tal-1999.

**(2) __It-tieni aggravju__**: *iż-żmien tal-valur tal-komputazzjoni*

27. Fit-tieni aggravju tiegħu l-attur appellant jilmenta li l-komputazzjoni tal-leġittima ma saritx tajjeb għaliex tirrifletti valuri aktar viċin għall-

[3] **€466,809.43** (total ta' immobbli, flus u investimenti, u valur ta' donazzjoni tal-garaxx anness mad-dar *St Michael's House* lill-konvenuta fl-1995 €18,634.99) ÷ **1/6** = **€74,468.24**

pronunzja ġudizzjarja u mhux valur fiż-żmien tal-mewt tal-ġenituri (2000 u 2003). Jenfasizza li hemm avarija ta' għoxrin sena bejn id-data tal-likwidazzjoni u d-data tal-valutazzjonijiet.

28. F'dan ir-rigward kif tajjeb tfakkar il-konvenuta appellata, kien l-attur stess li preċedentement fin-nota tas-sottomissjonijiet tiegħu, fil-paragrafu numru 7.1[4], qal hekk:

> *"Dwar x' valur għandu jingħata u jittieħed kont tiegħu fir-rigward tal-likwidazzjoni tal-leġittima, l-esponenti jirrileva u jissottometti illi dan għandu jkun dak l-aktar qrib il-likwidazzjoni li tordna din l-Onorabbli Qorti.*
>
> *Illi madanakollu u fi kwalunkwe każ, stante li l-leġittima tingħata f' sehem mill-proprjetà, jekk is-sehem leġittimarju jinħadem fuq il-valur fid-data rispettiva tal-mewt tad-decuji, l-eżerċizzju tal-assenjazzjoni għandu jinħadem fuq il-proprjetà bil-valur fl-istess żmien. Jekk l-eżerċizzju jsir b' dan il-mod, ma jkunx hemm differenza liema valur jittieħed kont tiegħu, purche l-assenjazzjoni tinħadem fuq valuri fl-istess żmien."*

29. L-Ewwel Qorti fil-fatt kkalkulat il-valur tal-assi tal-ġenituri fuq il-valur fid-data rispettiva ta' mewthom, u qieset il-valur tal-leġittima spettanti lill-attur kif ukoll il-valur tal-legati mħollija lilu ukoll fuq l-istess żmien.

30. Għaldaqstant fiċ-ċirkostanzi dan l-aggravju jirriżulta pjuttost superfluwu.

**(3) <u>It-tielet aggravju</u>**: *żball fil-komputazzjoni tal-leġittima*

---

[4] Fol 585

31. Fit-tielet aggravju tiegħu l-attur appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata wkoll dwar kif ġiet komputata l-leġittima dovuta lilu. Isostni li anke kieku wieħed kellu jaċċetta li l-legati huma imputabbli għal-leġittima (apparti xi żbalji partikolari li jsemmi f'dan l-aggravju) xorta jiġi li għandu jieħu €17,586.70, liema ammont għandu jingħata *in natura* u mhux bħala flus.

32. L-Ewwel Qorti llikwidat l-assi ereditarji tal-ġenituri tal-kontendenti mad-dati tal-mewt rispettivi tagħhom kif isegwi:

| | | |
|---|---|---|
| **ASSI EREDITARJI TA' SALVATORE VELLA** (li miet fit-08.02.2000) | | |
| **Immobbli stmati fis-sena 2000** | | |
| i) | ¼ indiviż mir-razzett u l-ġnejna annessa miegħu, bla isem u bla numru fi Triq Sant' Andrija, Żurrieq<br><br>¼ tas-somma dikjarata bħala dovuta fuq l-esproprjazzjoni mill-Gvern ta' parti minn din l-art fit-termini tad-deċiżjoni tat-23.11.2016 (proċess 954/04) | €25,055.00<br><br>€28,932.50 |
| ii) | ¼ indiviż minn porzjon art bil-kejl ta' *circa* 70mk f' Vincenzo Dimech Street, Żurrieq | €18,500.00 |
| iii) | 721.1/25,000 indiviż minn porzjon art magħrufa bħala Tal-Ġibjun, Żurrieq, bil-kejl ta' *circa* 19,108mk | € 2,336.36 |
| iv) | ¼ indiviż mill-qabar numru 372 fiċ-ċimiterju ta' San Leone, Parroċċa taż-Żurrieq, f'Bubaqra, b'aċċess minn Saint Leo Street.<br><br>(Il-perit tekniku ma tahx valur peress li ma ġiex indikat bħala wieħed mill-assi. Għalhekk l-Ewwel Qorti llikwidat *arbitrio boni viri* l-valur tal-qabar fis-sena 2000 fl-ammont ta' €3,500 (wara li qieset l-ammont li bih inxtara fl-1991). | € 875.00 |
| | | |

| **Flus f'banek u investimenti** | |
|---|---|
| i) ½ indiviż tal-ammont misjub fil-kont bankarju nru 474024911 mal-HSBC Bank Malta plc (Lm3015.29) | € 7,023.74 |
| ii) ½ indiviż tal-ammont misjub fil-kont bankarju nru 474004309 mal-HSBC Bank Malta plc (Lm2,541.90) | € 5,921.03 |
| iii) ½ indiviż tal-ishma mal-HSBC Bank Malta Sub Unsecured Loan Stock 2005 | € 1,164.69 |
| iv) ½ indiviż tal-ammont investit barra minn Malta *f'bonds* bl-isem Computer Share £5,505.85. Nofs jiġi £2,752.92 ekwivalenti għal €3,200 | € 3,200.00 |
| v) ½ tal-flus li kienu f'Bank l-Ingilterra fl-ammont ta' €11,200 li l-konvenuta xehdet (a fol 237 tal-proċess 954/04) li jinsabu depożitati f'kont il-Bank of Valletta | € 5,600,00 |
| | |
| **TOTAL (ikkalkolat minn din il-Qorti)** | **€98,608.32** |

| **ASSI EREDITARJI TA' BARBARA VELLA** (li mietet fit-03.10.2003) | |
|---|---|
| **Immobbli stmati fis-sena 2003** | |
| i) Sehem sħiħ mill-fond 1, *St Michael's House*, Triq San Ġwann, Birżebbugia | €290,000.00 |
| **Flus f'banek u investimenti** | |
| i) ½ indiviż tal-ammont misjub fil-kont bankarju nru 474024911 mal-HSBC Bank Malta plc (Lm3,015.29) | € 7,023.74 |
| ii) Kont bankarju bin-numru 047013685051 mal-HSBC Bank Malta plc | € 3,341.52 |
| iii) Is-somma rimanenti misjuba fil-kont bankarju nru 474004309 (li nbidel għal 047013685050) mal-HSBC Bank Malta plc li tinkludi n-½ tagħha mal-mewt ta' żewġha u l-flus li daħlu u ħarġu mid-data tal-mewt ta' żewġha sad-data tal-mewt tagħha | € 1,171.04 |
| iv) Kont bankarju bin-numru 477075800 li wkoll bidel in-numru għall-kont 047-013685-100 mal-HSBC Bank Malta plc | € 8,504.12 |
| v) Kont bankarju bin-numru 047013685051 mal-HSBC Bank Malta plc | € 11,942.09 |
| vi) ½ indiviż tal-ishma mal-HSBC Bank Malta Sub Unsecured Loan Stock 2005 | € 1,164.69 |
| vii) ½ indiviż tal-ammont investit barra minn | € 3,200.00 |

| | | |
|---|---|---|
| | Malta f'*bonds* bl-isem *Computer Share* £5,505.85. Nofs jiġi £2,752.92 ekwivalenti għal €3,200 | |
| viii) | ½ tal-flus li kienu f'Bank l-Ingilterra fl-ammont ta' €11,200 li l-konvenuta xehdet (a fol 237 tal-proċess 954/04) li jinsabu depożitati f'kont il-Bank of Valletta | € 5,600.00 |
| | | |
| **TOTAL (ikkalkolat minn din il-Qorti)** | | **€331,947.20** |

33. Għalhekk it-total tal-assi tal-ġenituri jiġi **€430,555.52**, li meta wieħed jgħodd il-valur tad-donazzjoni tal-<u>garaxx</u> anness mal-fond *St Michael House*, Triq San Ġwann, Birżebbugia, li kien ingħata lill-konvenuta **(€18,634.99**) it-total kollu jiġi **<u>€449,190.51</u>**. (L-Ewwel Qorti *invece* waslet għat-total ta' €449,097.01).

34. Issa minn €449,097.01, l-Ewwel Qorti mbagħad naqqset l-ammont tal-ispejjeż (€2,287.58) u waslet għall-ammont ta' **€446,809.43** li fuqu ikkalkolat il-leġittima dovuta lill-attur (€446,809.43 ÷ 1/6[5] = **€74,468.24**)[6].

35. Jiġi mfakkar li skont it-testment tal-1999 il-ġenituri tal-kontendenti ħallew is-segwenti beni lill-attur f'legati (din il-Qorti qiegħda tinkludi l-valuri rispettivi tagħhom skont dawk applikati mill-Ewwel Qorti fil-likwidazzjoni tal-assi tal-konjuġi Barbara):

---

[5] ½ ta' ⅓ = 1/6

[6] (Fuq is-somma ta' €449,190.51 il-valur tal-leġittima kienet tkun €74,483.82, ċjoè avarija minima u negliġibbli).

| **LEGATI MĦOLLIJA LILL-ATTUR bit-testment tal-1999** | | | |
|---|---|---|---|
| *(i)* | *kull sehem li t-testatur ghandu mill-ghalqa maghrufa bhala tal-Gibjun, Nigret, Zurrieq.* | € 2,336.36 | |
| *(ii)* | *kull sehem li t-testaturi ghandhom mill-porzjon ta' art forma ta' triangolu li tinsab fi Triq Vincenzo Dimech, Zurrieq.* | €18,500.00 | |
| *(iii)* | *½ sehem it-testaturi tar-razzett u r-rabgha anness f'Saint Andrew's Street, Zurrieq.* Dan jiġi ½ minn €53,987.50 (€25,055 + €28,932.50) | €26,993.75 | |
| *(iv)* | *il-flus kollha li t-testaturi jkollhom fil-bank jew istituzzjoni simili f'**Malta** fil-gurnata tal-mewt taghhom it-tnejn.* | Missier<br>€7,023.74<br><br>€5,921.03<br><br><br>€1,164.69 | Omm<br>€ 7,023.74<br>€ 3,341.52<br>€ 1,171.04<br>€ 8,504.12<br>€11,942.09<br>€ 1,164.69 |
| *(v)* | *½ kull depozitu bankarju li t-testaturi jkollhom jew jista' jkollhom fil-gurnata tal-Mewt **barra minn Malta**;* | Missier<br>€1,600<br>€2,800 | Omm<br>€1,600[7]<br>€2,800[8] |
| | | | |
| **TOTAL** | | **€103,885.39** | |

36. Fil-fatt kienet korretta l-Ewwel Qorti meta irriteniet li dak li ser jieħu l-attur f'legati jiżboq l-ammont dovut lilu f'leġittima b'somma approssimattiva ta' madwar €25,000:

> *"Illi l-Qorti minn kalkolu sempliċi sabiex tistabbilixxi l-valur tal-legati tal-attur, fejn ħadet il-valur kollu tal-immobbli mgħoddija b'legat fid-data tal-mewt tat-testaturi (skont is-sehem), il-flus fil-banek u fl-istituzzjonijiet mħollija lill-attur, kif ukoll l-ammont li l-attur sejjer jieħu mid-deċiżjoni tal-Bord tal-Arbitraġġ dwar Artijiet deċiża nhar it-23 ta' Novembru 2016 fl-ismijiet Kummissarju tal-Artijiet vs John Vella et rat li jirriżulta biċ-ċar li dak li ser jieħu l-attur f' legati jiżboq sew l-ammont dovut lilu f' leġittima b' somma approssimattiva ta' madwar €25,000 oltre l-leġittima kif kalkolata aktar 'il fuq…."*

37. Fil-fatt jekk minn €103,885.39 (it-total tal-legati) jitnaqqas l-ammont

7 ½ €3200
8 ½ €2800

ta' €74,468.24 (il-valur tal-leġittima) il-bilanċ jiġi €29,417.15.

38. Issa l-attur appellant f'dan l-aggravju tiegħu jagħmel tliet ilmenti differenti:

(a) Fl-ewwel lok jgħid li l-leġittima kellha tinħadem b'mod separat fil-konfront ta' kull wieħed mill-ġenituri tiegħu. Għal dak li jirrigwarda l-assi tal-omm, jgħid li mit-total ta' €331,947.20, jekk wieħed inaqqas l-ispejjeż fl-ammont ta' €1,143.79 (€2,278.58 ÷ 2) dan iwassal għal €330,803.41 u l-leġittima fuq tali ammont hija ta' €55,133.90. Iżid jgħid li l-legati li ser jirċievi da parti tal-omm jammontaw għal €37,547.20 u għalhekk irid jieħu bilanċ ta' €17,586.70;

(b) Fit-tieni lok jgħid li fir-rigward tal-kont bankarju 047013685051 mal-HSBC Bank plc fejn l-Ewwel Qorti (fil-likwidazzjoni tal-assi tal-omm, peress li dan il-kont infetaħ wara l-mewt tal-missier) irreferiet għas-somma ta' €3,341, dan l-ammont fil-fatt kien f'Liri Maltin, li jekwivali għal €7,783.65.

(c) Fit-tielet lok jgħid li fir-rigward l-assi tal-omm l-Ewwel Qorti semmiet li hemm:

(i) ½ indiviż tal-ammont li kien investit barra minn Malta f'*bonds* bl-isem ta' *Computer Share* fl-ammont ta' £5,505.85 (fejn in-nofs jiġi

£2,752.92 ekwivalenti għal €3,200); kif ukoll

(ii) ½ il-flus li kienu f'Bank l-Ingilterra fit-total ta' €11,200 fejn il-konvenuta xehdet li kienu depożitati f'kont fil-BOV. (€5,600).

u jsostni li l-ammont ta' €11,200 jirrappreżenta l-ammont wara li ssarfu l-*bonds* tal-*Computer Share* u li għalhekk hemm ammont wieħed u mhux tnejn.

39. L-ewwel ilment tal-attur appellant huwa bbażat fuq il-fatt li l-leġittima dovuta lilu mill-wirt ta' missier u l-leġittima dovuta lilu mill-wirt tal-omm inħadmu f'daqqa u mhux separatament. Iżda dan huwa argument infondat għaliex it-total fi kwalunkwe każ xorta jkun l-istess, kif muri hawn taħt:

| **Missier** | | **Omm** | |
|---|---|---|---|
| Total tal-assi | € 98,608.32 | Total tal-assi | €331, 947.20 |
| Żid ½ il-valur tal-garaxx li l-ġenituri iddonaw lill-konvenuta (€18,634.99) | € 9,317.50+ | Żid ½ il-valur tal-garaxx li l-ġenituri ddonaw lill-konvenuta (€18,634.99) | € 9,317.50+ |
| Naqqas ½ tal-ispejjeż (€2,278.58) | € 1,143.79- | Naqqas ½ tal-ispejjeż (€2,278.58) | € 1,143.79- |
| TOTAL | €106,782.03 | TOTAL | €340,120.91 |
| ÷ 6 | **€ 17,797.01** | ÷ 6 | **€ 56,686.82** |
| | | | |
| **TOTAL** | **€17,797.01** + | **€56,686.82** = | **€74,483.83**[9] |

[9] Minħabba l-iżball (minimu u negliġibbli) fuq imsemmi, l-Ewwel Qorti waslet għal leġittima ta' **€74,468.24** proprju minflok **€74,483.83**

40. Fir-rigward tat-tieni ilment, din il-Qorti vverifikat l-*istatement* relattiv tal-imsemmi kont (047013685051) mal-HSBC Bank Malta plc, li jinsab fl-atti tal-proċeduri 954/04/JVC. Hawnhekk ukoll issib li l-attur m'għandux raġun. Fuq l-*istatement* tat-8 ta' Marzu 2008[10] hemm indikat li l-bilanċ huwa ta' €2,620.43 (ammont diġà konvertit minn Liri Maltin għal Ewro, kif jidher mill-istess *statement*). Il-paġni li jmiss (fol 61 u 62) jindikaw li l-bilanċ fid-29 ta' Diċembru 2008 imbagħad kien ta' €3,341.52. Dan huwa valur f'Ewro u mhux f'Liri Maltin. (*In oltre* jiġi mfakkar li Malta daħlet fil-Eurozone fl-1 ta' Jannar 2008 u għalhekk minn tali data l-valuri ndikati fl-*istatements* tal-banek huma proprju f'Ewro).

41. Fit-tielet ilment tiegħu l-attur jaċċenna għax-xhieda tal-konvenuta a fol 237 tal-proċeduri numru 954/04/JVC, fejn qalet li kienet ġabet xi flus minn barra li ġew depożitati fil-Bank of Valletta. Il-parti tax-xhieda relattiva taqra hekk:

> *"Dr Michael Grech: Issa minn kemm ilhom għaddejjin dawn il-proċeduri jekk qattx irċevejt xi flejjes minn barra li għandhom x' jaqsmu mal-ġenituri tiegħek, u jekk iva kemm kienu?*
>
> *Assistent Ġudizzjarju: Ngħid illi l-flus kienu barra, kienu l-Ingilterra, u ngħid illi għalqu – skada ż-żmien. U bagħtulna biex jistaqsuna x' ser nagħmlu bihom peress li kont l-eredi ġibthom hawnhekk Malta u qegħdin fil-Bank BOV.*
>
> *Dr Michael Grech: Qegħdin savings. U ma tafx kemm kien l-ammont għal li jista' jkun?*
>
> *Assistent Ġudizzjarju: Ngħid illi l-ammont kien ta' ħdax-il elf u mitejn ewro ( u mitejn ewro (€11,200).*
>
> *Dr Michael Grech: Rigward xi investimenti oħra barra, taf jekk hemm*

[10] Fol 60 tal-atti 954/04/JVC

> *xi investimenti oħra barra?*
>
> <u>*Assistent Ġudizzjarju*</u>*: Sa fejn naf jiena ma nafx li hemm investimenti oħrajn barra."*

42. L-argument tal-attur (li huwa b'referenza għall-assi tal-omm likwidati mill-Ewwel Qorti) huwa fis-sens li l-€11,200 li l-Ewwel Qorti rriferiet għalihom bħala li kienu f'Bank l-Ingilterra u li issa jinsabu depożitati f'kont ġewwa l-BOV[11] fil-fatt ġejjin mill-investiment li l-ġenituri kellhom f'*Computer Share*. Din il-Qorti qiegħda tifhem allura li fir-rigward tal-assi tal-omm l-ammont ta' €3,200 indikat fis-subinċiż (vii) huwa diġà inkluż fl-ammont ta' €11,200 indikat fis-subinċiż (viii). Iżda <u>fin-nuqqas ta' *statements* tal-kont tal-Bank of Valletta fejn suppost ġie depożitat il-valur tal-investiment ma tistax issir verifika fir-rigward.</u> Fi kwalunkwe każ anke kieku hekk hu il-każ, dan mhux ser ibiddel il-fatt li l-legati dovuti lill-attur jiżbqu l-leġittima dovuta lilu u għalhekk xorta jiġi li m'hemm l-ebda somom u beni li l-Qorti għandha tordna li jiġu assenjati lill-attur in sodisfazzjon tal-leġittima dovuta lilu.

**(4)** **<u>Ir-raba' aggravju</u>**: *id-deċiżjoni tal-Bord tal-Arbitraġġ*

43. Fir-raba' aggravju tiegħu l-attur appellant jilmenta bil-fatt li minkejja li l-Ewwel Qorti aċċennat għall-fatt li l-attur ser jipperċepixxi ammont mid-deċiżjoni tal-Bord tal-Arbitraġġ dwar Artijiet fil-kawża fl-ismijiet

[11] L-Ewwel Qorti fil-likwidazzjoni tal-assi immobbli kemm tal-omm (subinċiż (viii)) kif ukoll tal-missier (subinciż (v)) irreferiet għal flus li kienu f'Bank fl-Ingilterra fit-total ta' €11,200

**Kummissarju tal-Artijiet v. John Vella et** (deċiża fit-23 ta' Novembru 2016) ma speċifikatx l-ammont jew is-sehem tas-somma.

44. Jiġi osservat li fil-likwidazzjoni tal-immobbli tal-missier, meta l-Ewwel Qorti aċċennat għas-sehem ta' kwart (¼) indiviż tal-missier mir-razzett u l-ġnejna annessa miegħu fi Triq Sant' Andrija, Żurrieq, li fl-2000 kien ġie stmat fl-ammont ta' €25,055, enfasizzat li ma' din is-somma trid tiżdied ¼ tas-somma dikjarata dovuta fuq l-esproprjazzjoni mill-Gvern ta' parti minn din l-art fit-termini tad-deċiżjoni tat-23 ta' Novembru 2016, *ossia* €28,932.50.

45. Fil-fatt fl-imsemmija sentenza l-Bord tal-Arbitraġġ Dwar l-Artijiet ordna lill-Kummissarju tal-Artjiet *"sabiex ihallas kumpens lill-intimati fl-ammont ta' mija u hmistax-il elf, seba mija u tletin Euro (€115,730)".* Missier l-attur (li jidher li kellu ¼ tal-art) kien wieħed mill-intimati u kien għalhekk li fil-likwidazzjoni tal-beni tal-missier, u fir-rigward ta' din l-art l-Ewwel Qorti rriteniet li mal-valur tal-art (€25,055) kellha tiżdied ukoll is-somma ta' €28,932.50.

46. Għalhekk ladarba tħalla legat ta' nofs (½) is-sehem tal-ġenituri fir-rigward ta' din l-art, il-valur ta' tali legat jiġi li huwa ta' €26,993.75 [in-nofs (½) ta' €25,055 (il-valur ta' kwart (¼) tal-art) u in-nofs (½) ta' €28,932.50 (il-valur ta' kwart (¼) tal-kumpens dovut minħabba l-esproprjazzjoni)].

**(5) Il-ħames aggravju**: *leġittima trid tingħata in natura*

47. Fil-ħames aggravju tiegħu l-attur appellant, jenfasizza li l-leġittima trid tingħata *in natura*. Isostni li kemm jekk din il-Qorti tiddeċiedi li huwa intitolat għal-leġittima *oltre* l-legati, u kemm jekk tiddeċiedi li l-valur tal-legati huwa imputabbli għal-leġittima, fi kwalunkwe każ ser ikun dovut leġittima *in toto* jew *in parte.* Ifakkar li l-leġittima trid tingħata bħala kwota tal-ġid tat-testaturi, fejn jippretendi li jingħata sehem mid-dar *St Michael House* li għandha l-ġnien tagħha tmiss mar-residenza tiegħu.

48. Għar-raġunijiet mogħtija minn din il-Qorti fil-kunsiderazzjonijiet tagħha dwar l-ewwel aggravju, fejn jirriżulta li l-legati għandhom jitqiesu akkont tal-leġittima, u anke fid-dawl tal-fatt li jirriżulta li l-valur tal-legati fil-fatt jiżboq dak tal-leġittima u mhux *vice versa,* dan l-aggravju jisfuma fix-xejn.

**DECIDE**

49. Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiċħad l-appell tal-attur in kwantu qiegħed jitlob li jiġu varjati partijiet mis-sentenza appellata.

50. L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jitħallsu mill-istess attur appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da